L-Erbgħa 20 ta' Jannar 2021

P9_TA(2021)0014

Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2019

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Jannar 2021 dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2019 (2020/2208(INI))

(2021/C 456/09)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (UDHR) u trattati u strumenti oħra tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-bniedem,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali"),

— wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u, b'mod partikolari, il-prinċipji 2, 3, 11 u 17 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3, 8, 21 u 23 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 17 u 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea, ippreżentata fit-28 ta' Ġunju 2016,

— wara li kkunsidra s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR) u l-Kumment Ġenerali tal-Kumitat tan-NU tad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (ICESCR) u l-Kummenti Ġenerali tal-Kumitat tan-NU għad-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW), u r-Rakkomandazzjonijiet Ġenerali tal-Kumitat tan-NU għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC) tal-20 ta' Novembru 1989 u ż-żewġ Protokolli Fakultattivi tagħha adottati fil-25 ta' Mejju 2000,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità tat-30 ta' Marzu 2007,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Politika tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar l-HIV u l-AIDS: Dwar il-Pass Mgħaġġel biex Tiġi Aċċellerata l-Ġlieda kontra l-HIV u biex Tintemm l-Epidemija tal-AIDS sal-2030, adottata fit-8 ta' Ġunju 2016,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni li jagħmlu parti minn Minoranzi Nazzjonali, Etniċi, Reliġjużi u Lingwistiċi, adottata fit-18 ta' Diċembru 1992,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tat-22 ta' Diċembru 2018 dwar sejħa globali għal azzjoni konkreta għall-eliminazzjoni totali tar-razziżmu, id-diskriminazzjoni razzjali, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata u l-implimentazzjoni komprensiva tad-Dikjarazzjoni ta' Durban u l-Programm ta' Azzjoni u s-segwitu tagħhom,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU li taħtar it-22 ta' Awwissu bħala l-Jum Internazzjonali ta' Tifkira għall-Vittmi ta' Atti ta' Vjolenza Bbażata fuq Reliġjon jew Twemmin, adottata fit-28 ta' Mejju 2019,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 2467 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tad-29 ta' April 2019 dwar vjolenza sesswali b'rabta mal-kunflitt,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, u l-approċċ strateġiku tal-UE lejn in-nisa, il-paċi u s-sigurtà 2019-2024 (WPS),

— wara li kkunsidra l-Inizjattiva Spotlight tal-UE u n-NU dwar l-eliminazzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet,

— wara li kkunsidra l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp, u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Nru 190 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) tal-21 ta' Ġunju 2019 dwar il-Vjolenza u l-Fastidju,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni taċ-Ċentenarju tal-ILO għall-Futur tax-Xogħol tal-21 ta' Ġunju 2019,

— wara li kkunsidra l-Memorandum ta' Qbil tas-16 ta' Awwissu 2019 dwar il-kooperazzjoni bejn il-Programm Ambjentali tan-NU u l-Uffiċċju tan-NU tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali u l-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali jew Minoritarji, adottata fil-5 ta' Novembru 1992,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (minn hawn 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Istanbul") tal-11 ta' Mejju 2011, li ma ġietx irratifikata mill-Istati Membri kollha,

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2015-2019 – "Inżommu d-drittijiet tal-bniedem fiċ-ċentru tal-aġenda tal-UE" tat-28 ta' April 2015 (JOIN(2015)0016), adottat mill-Kunsill fl-20 ta' Lulju 2015, u r-Reviżjoni ta' Nofs it-Terminu tiegħu ta' Ġunju 2017 (SWD(2017)0254),

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024, adottat mill-Kunsill fis-17 ta' Novembru 2020,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2019 dwar il-prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2019,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2019 dwar l-azzjoni tal-UE biex jissaħħaħ il-multilateriżmu bbażat fuq ir-regoli,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2019 dwar il-prijoritajiet tal-UE fin-NU u fl-74 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Ottubru 2019 dwar id-demokrazija,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE għall-promozzjoni u l-protezzjoni tat-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem kollha mill-persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali (LGBTI), adottati fl-24 ta' Ġunju 2013,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-libertà ta' reliġjon u ta' twemmin, adottati fl-24 ta' Ġunju 2013,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar il-piena tal-mewt, aġġornati mill-Kunsill fit-12 ta' April 2013, dwar il-libertà ta' espressjoni online u offline, adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Mejju 2014, u dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, adottati mill-Kunsill fl-14 ta' Ġunju 2004,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għan-nondiskriminazzjoni fl-azzjoni esterna, adottati mill-Kunsill fit-18 ta' Marzu 2019,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem b'rabta mal-ilma tax-xorb sikur u s-sanità, adottati mill-Kunsill fis-17 ta' Ġunju 2019,

— wara li kkunsidra r-Reviżjoni tal-2019 tal-Linji Gwida għall-Politika tal-UE Lejn Pajjiżi Terzi dwar it-Tortura u t-Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra, adottati mill-Kunsill fis-16 ta' Settembru 2019,

L-Erbgħa 20 ta' Jannar 2021

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ottubru 2020 bit-titolu "Komunikazzjoni tal-2020 dwar il-politika tat-tkabbir tal-UE" (COM(2020)0660), u l-aġenda ġeopolitika tal-leġiżlatura tal-UE 2019-2024,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni ta' Ġunju 2020 bit-titolu "Legal gender recognition in the EU – The journey of trans people towards full equality" (Rikonoxximent legali tal-ġeneru fl-UE – Il-vjaġġ ta' persuni trans lejn ugwaljanza sħiħa),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni tal-25 ta' Novembru 2020 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru (Gender Action Plan, GAP) III – Aġenda ambizzjuża għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-għoti tas-setgħa lin-nisa fl-azzjoni esterna tal-UE" (JOIN(2020)0017), u l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-GAP III,

— wara li kkunsidra l-Istħarriġ tal-LGBTI II tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), tat-14 ta' Mejju 2020 bit-titolu "A long way to go for LGBTI equality" (Triq twila għall-ugwaljanza tal-LGBTI),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Ombudsman tal-UE tat-30 ta' Lulju 2020 dwar ir-rwol tal-Mibgħut Speċjali tal-UE għall-promozzjoni tal-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin barra l-UE,

— wara li kkunsidra r-rapporti mill-Mibgħut Speċjali tal-UE għall-promozzjoni tal-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin barra l-UE u r-rapporti mill-Intergrupp tal-Parlament Ewropew dwar il-Libertà ta' Reliġjon jew ta' Twemmin u t-Tolleranza Reliġjuża,

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja 2019,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2017 dwar il-korruzzjoni u d-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Lulju 2018 dwar il-ksur tad-drittijiet tal-popli indiġeni fid-dinja, inkluż il-ħtif tal-art ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2019 dwar il-Linji Gwida tal-UE u l-mandat tal-Mibgħut Speċjali tal-UE dwar il-promozzjoni tal-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin barra l-UE ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020 dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2018 ([4]), u r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar rapporti annwali preċedenti,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet kollha tiegħu adottati fl-2019 dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt (magħrufa bħala riżoluzzjonijiet ta' urġenza) f'konformità mal-Artikolu 144 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Premju Sakharov tiegħu għal-Libertà tal-Ħsieb, li fl-2019 ingħata lil Ilham Tohti, difensur tad-drittijiet tal-bniedem ta' Ujguri, professur tal-ekonomija, promotur tad-drittijiet tal-minoranzi Ujguri taċ-Ċina u priġunier politiku detenut fiċ-Ċina,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-0259/2020),

A. billi ċ-ċelebrazzjoni fl-2019 tal-10 anniversarju tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE fakkret lill-Unjoni dwar l-impenn iddikjarat tagħha u l-obbligu bbażat fuq it-Trattat biex b'mod riżolut issegwi azzjonijiet li jipproteġu, jippromwovu u jissodisfaw id-drittijiet tal-bniedem, kemm ġewwa kif ukoll barra l-fruntieri tagħha; billi f'din l-okkażjoni, l-UE affermat mill-ġdid l-impenn tagħha li tibqa' protagonista influwenti fix-xena dinjija u li żżomm rwol ewlieni bħala difensur globali tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem;

([1]) ĠU C 337, 20.9.2018, p. 82.
([2]) ĠU C 118, 8.4.2020, p. 15.
([3]) ĠU C 411, 27.11.2020, p. 30.
([4]) Testi adottati, P9_TA(2020)0007.

B. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija valur fundamentali tal-UE, u d-dritt għal trattament ugwali u nondiskriminazzjoni huwa dritt fundamentali minqux fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u billi l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru għandha għalhekk tiġi implimentata u integrata bħala prinċipju orizzontali fl-attivitajiet u l-politiki kollha tal-UE;

C. billi l-Insara huma l-aktar grupp reliġjuż ippersegwitat fid-dinja, u jikkostitwixxu 80 % tal-persuni li jemmnu kollha li huma ippersegwitati; billi tali persekuzzjoni tvarja minn diskriminazzjoni ta' rutina fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-impjieg u l-ħajja soċjali, sa limitazzjonijiet fuq il-forom kollha ta' espressjoni u saħansitra attakki fiżiċi kontra komunitajiet Insara, li joqorbu lejn l-ilħuq tad-definizzjoni internazzjonali ta' ġenoċidju li ġiet adottata min-NU;

D. billi d-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing tal-1995 issa ilhom għal 25 sena sħaħ jenfasizzaw l-importanza tad-drittijiet u l-opportunitajiet indaqs għan-nisa kif ukoll tal-parteċipazzjoni ugwali tagħhom fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fil-proċess demokratiku għall-konsolidazzjoni tad-demokrazija;

E. billi n-nuqqas ta' nisa involuti fl-iżvilupp tal-intelliġenza artifiċjali (IA) iżid ir-riskju ta' preġudizzju; billi l-edukazzjoni xjentifika hija importanti biex jinkisbu ħiliet, xogħol deċenti u l-impjiegi tal-futur, kif ukoll biex jitkissru l-istereotipi tal-ġeneri li jqisuhom bħala oqsma tipikament maskili, sabiex in-nisa jkunu jistgħu jgawdu bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem tagħhom;

F. billi matul iċ-ċelebrazzjoni tat-30 anniversarju tal-UNCRC f'Novembru 2019, l-UE saħqet fuq l-impenn tagħha li tiżviluppa strateġija komprensiva dwar id-drittijiet tat-tfal u tal-ġenituri u tpoġġihom fil-qalba tal-politiki tal-UE; billi fl-20 ta' Novembru 2019, il-Parlament ospita konferenza ddedikata li indirizzat firxa ta' kwistjonijiet, inklużi sfidi għall-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal f'dinja diġitali li dejjem qed tinbidel, b'mod partikolari fir-rigward tal-projbizzjoni ta' aċċess għall-pornografija tat-tfal u l-ġlieda kontra l-fastidju u l-vjolenza, il-fatt li jingħelbu l-ostakli għat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tat-tfal u l-indirizzar tan-natura li qed tinbidel tal-kunflitti armati u l-impatt tagħhom fuq il-futur tat-tfal, inkluż l-impatt ta' dawn il-kunflitti fuq l-iżvilupp, l-edukazzjoni u l-ħajja tagħhom fil-futur, filwaqt li jitqiesu d-dikjarazzjonijiet magħmula mit-tfal fid-diskuzzjoni;

G. billi l-kriżi li rriżultat mill-pandemija globali tal-COVID-19, il-modi li bihom l-Istati rreaġixxew għaliha, l-approfondiment tal-inugwaljanzi u t-tbatija li kkawżat, b'mod partikolari għall-gruppi l-aktar vulnerabbli u emarġinati, kif ukoll għan-nisa, u l-impatt tagħha fuq ir-relazzjonijiet internazzjonali, l-ordni u l-kunflitti internazzjonali bbażati fuq ir-regoli, li kollha għandhom implikazzjonijiet fit-tul fuq il-kwistjonijiet kollha li jinvolvu r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem;

H. billi, bħala eżempju, il-kriżi kkawżata mill-pandemija wasslet lill-biċċa l-kbira tal-pajjiżi biex jadottaw miżuri ta' emerġenza, li jillimitaw il-libertajiet biex wieħed igawdi minn ħafna drittijiet tal-bniedem, bl-ewwel fosthom il-libertajiet ta' moviment u ta' għaqda, jew biex jistabbilixxu mezzi ġodda ta' sorveljanza sabiex tiġi evitata t-trażmissjoni tal-virus COVID-19; billi dawk il-miżuri qajmu b'mod leġittimu mistoqsijiet dwar il-ħtieġa, il-legalità, il-proporzjonalità, in-natura mhux diskriminatorja, it-tul ta' żmien u l-implikazzjonijiet tagħhom, fl-ispirtu tas-salvagwardja tal-libertajiet fundamentali fuq perjodu ta' żmien qasir u itwal; billi l-pandemija kienet akkumpanjata wkoll minn aktar xejriet negattivi li mminaw id-demokrazija u naqqsu l-ispazju tas-soċjetà ċivili f'xi pajjiżi;

I. billi r-reċessjoni globali kkawżata mill-pandemija tista' twassal lill-gvernijiet biex jagħtu prijorità lill-istimulazzjoni tal-attività ekonomika u biex jattiraw l-investimenti; jenfasizza li dan m'għandux iseħħ għad-detriment tal-ambizzjoni tagħhom f'termini ta' objettivi u standards politiċi għal xi oqsma oħra, bħall-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, l-azzjoni dwar il-klima u l-ġlieda kontra l-faqar, speċjalment dak tat-tfal u tal-familji tagħhom;

J. billi ż-żieda globali fl-awtoritarjaniżmu u l-populiżmu toħloq theddida għall-valuri u l-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-Unjoni;

K. billi r-reġimi illiberali qed jitbiegħdu dejjem aktar mit-triq ta' demokraziji maturi u standards demokratiċi tal-Punent, filwaqt li jrabbu l-għeruq f'pożizzjonijiet li jwasslu għal ksur kontinwu u intenzjonat tad-drittijiet tal-bniedem; billi dawn ir-reġimi illiberali qed jirrestrinġu d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, u b'hekk joħolqu impressjoni falza ta' leġittimità elettorali f'elezzjonijiet li ma jistgħux jitqiesu bħala ħielsa, ġusti jew trasparenti;

L-Erbgħa 20 ta' Jannar 2021

L. billi l-emerġenzi ambjentali, inklużi t-tibdil fil-klima u d-deforestazzjoni, huma r-riżultat ta' azzjonijiet tal-bniedem u jwasslu għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem mhux biss kontra l-persuni affettwati direttament, iżda wkoll kontra l-umanità kollha kemm hi; billi huwa importanti li tiġi rikonoxxuta r-rabta bejn id-drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni ambjentali; billi l-iżgurar tal-aċċess għall-ilma huwa essenzjali għall-prevenzjoni ta' tensjonijiet f'ċerti reġjuni;

M. billi iżjed koerenza bejn il-politiki interni u dawk esterni tal-UE, kif ukoll bejn il-politiki esterni tal-UE, tirrappreżenta rekwiżit indispensabbli għal politika tal-UE effettiva u ta' suċċess fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem; billi l-politiki b'appoġġ għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-impunità għandhom jiġu integrati fil-politiki l-oħra kollha tal-UE b'dimensjoni esterna, bħall-iżvilupp, il-migrazzjoni, is-sigurtà, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, id-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tkabbir u l-kummerċ; billi konsistenza akbar għandha tippermetti lill-UE tirreaġixxi aktar malajr matul l-istadji bikrija tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tkun attur tad-drittijiet tal-bniedem aktar attiv u kredibbli fil-livell globali;

N. billi r-rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u l-istandards Ewropej fost is-sħab u l-ġirien tal-UE, inkluż fil-ġestjoni tal-kriżi tar-rifuġjati u fl-indirizzar tal-migrazzjoni, huwa waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-Unjoni Ewropea; billi s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, affettwata mill-pandemija tal-COVID-19, hija kwistjoni ta' tħassib fil-pajjiżi ġirien, li jridu jieħdu miżuri xierqa f'dan ir-rigward u jaħdmu flimkien mas-soċjetajiet ċivili rispettivi tagħhom, li jinkludu membri pro-Ewropej u demokratiċi;

O. billi l-projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar biex jiġi evitat li d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (DDB) jattendu avvenimenti internazzjonali ntużaw minn għadd dejjem jikber ta' pajjiżi, b'mod partikolari fl-Asja, fil-Lvant Nofsani, fl-Afrika u fl-Amerika Latina;

Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija: xejriet ġenerali u sfidi ewlenin

1. Jilqa' r-reazzjonijiet għall-pandemija tal-COVID-19 ta' dawk l-Istati li poġġew id-drittijiet għall-ħajja u s-saħħa bħala l-ewwel imperattivi tagħhom; jisħaq li, fl-istess ħin, huwa kruċjali li jiġi żgurat li n-nies ikollhom standards ta' għajxien xierqa; jenfasizza li l-miżuri kollha b'reazzjoni għall-pandemija għandhom ikunu bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni, u jkunu f'konformità magħhom, u għandhom jissalvagwardjaw il-progress lejn l-SDGs;

2. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat ir-rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u l-osservanza tal-prinċipju li d-drittijiet tal-bniedem huma universali u inaljenabbli, indiviżibbli, interdipendenti u interrelatati, u jikkundanna kull tentattiv ta' relattiviżmu;

3. Jesprimi tħassib serju ħafna dwar it-tnaqqis fl-istandards demokratiċi u tad-drittijiet tal-bniedem u fit-tgawdija ta' libertajiet fundamentali li l-kriżi kkawżat f'xi pajjiżi; huwa tal-fehma li din il-pushback primarjament tirriżulta minn żieda fl-awtoritarjaniżmu, kif ukoll mill-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali devastanti tal-kriżi u l-użu tagħhom bħala skuża biex jiġu mmanipulati l-istituzzjonijiet tal-Istat u l-iskedi ta' żmien elettorali, jitrażżnu l-attivitajiet tad-DDB, b'mod partikolari d-difensuri ta' minoranzi, l-avversarji politiċi, il-midja jew ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, u jiġu ristretti l-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni jew gruppi esposti għal diskriminazzjoni, bħal minoranzi reliġjużi u ta' twemmin, u persuni LGBTI, għal skopijiet mhux relatati mal-pandemija; jisħaq f'dan ir-rigward fuq iż-żieda fid-diskors ta' mibegħda, ibbażat fuq ir-razza, l-etniċità, ir-reliġjon jew il-kasta, id-diżinformazzjoni, l-immirar ta' gruppi vulnerabbli akkużati li jxerrdu l-virus, iż-żieda fil-vjolenza domestika u dik abbażi tal-ġeneru u l-inugwaljanza bejn il-ġeneri; jesprimi tħassib dwar każijiet ta' diskriminazzjoni fid-distribuzzjoni ta' għajnuna relatata mal-pandemija tal-COVID-19; jirrifjuta kull ċaħda ta' għajnuna taħt kwalunkwe ċirkostanza, inkluż fuq il-bażi ta' reliġjon; jisħaq ukoll, bi tħassib, fuq l-użu, bi ksur tad-drittijiet tal-bniedem, ta' teknoloġiji diġitali bil-għan li tiġi mrażżna l-pandemija billi jiġu traċċati ċ-ċittadini u tiġi rkuprata d-data privata tagħhom;

4. Jafferma li l-Istati jridu jżommu lura milli jisfruttaw il-pandemija tal-COVID-19 biex jikkonsolidaw is-setgħa awtoritarja, idgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt, jew jiddisprezzaw id-drittijiet tal-bniedem; jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-aggravar ta' miżuri meħuda minn reġimi awtoritarji, immirati lejn ir-repressjoni tad-dissens u t-tnaqqis tal-ispazju għal azzjoni tas-soċjetà ċivili; jissottolinja l-importanza ta' soċjetà ċivili, li l-eżistenza tagħha tippermetti reazzjonijiet flessibbli, f'waqthom u effettivi għal reġimi li jiksru d-dritt internazzjonali, id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi; jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-miżuri ta' emerġenza relatati mal-COVID-19 ta' spiss ma jkunux akkoppjati ma' obbligi ċari biex jitħassru ladarba l-kriżi tkun intemmet;

5. Ifakkar li l-aċċess universali għall-kura tas-saħħa huwa dritt tal-bniedem u jappoġġja kwalunkwe progress lejn kopertura universali tas-saħħa bħala essenzjali għall-iżvilupp sostenibbli; jilqa' r-reazzjoni globali tal-Unjoni Ewropea għall-pandemija tal-COVID-19, ibbażata fuq l-approċċ Team Europe, li jiffoka fuq l-espressjoni ta' solidarjetà u l-għoti ta' assistenza tanġibbli lis-sħab, b'mod partikolari lill-pajjiżi l-aktar vulnerabbli u affettwati;

6. Jinnota bi tħassib in-nuqqasijiet f'ħafna stati tas-sistema tal-kura tas-saħħa, li jimminaw id-dritt tal-popli għas-saħħa fiżika u mentali u għar-rimedju, u n-nuqqasijiet fl-azzjonijiet preventivi biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni, fil-miżuri dwar l-ilma u dawk sanitarji, fl-informazzjoni u fin-nondiskriminazzjoni fl-aċċess u d-drittijiet; jilqa' d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li l-vaċċini kontra l-COVID-19 għandhom ikunu disponibbli globalment u li l-UE se tagħmel kull sforz għal dan il-għan;

7. Ifakkar li fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, l-Istati jridu jiżguraw li r-reazzjonijiet tagħhom jinkludu approċċ sensittiv għall-ġeneru u intersezzjonali sabiex ikunu ggarantiti d-drittijiet tan-nisa u l-bniet kollha biex jgħixu ħielsa mid-diskriminazzjoni u mill-vjolenza, u biex ikollhom aċċess għas-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva essenzjali li jeħtieġu;

8. Ifakkar li l-pandemija wasslet ukoll għal tnaqqis fil-monitoraġġ u d-dokumentazzjoni tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-livell globali; jappoġġja l-isforzi internazzjonali biex jiġu evalwati r-reazzjonijiet nazzjonali differenti għall-pandemija fir-rigward tar-restrizzjonijiet fuq il-libertajiet politiċi, soċjali u ekonomiċi, u biex issir ħidma lejn it-twaqqif ta' qafas konġunt ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem li se jinforma reazzjonijiet futuri għal kriżijiet sanitarji; jilqa', f'dan il-kuntest, l-iżvilupp tal-Moniter Globali mill-Kummissjoni u l-Istitut Internazzjonali għad-Demokrazija u l-Assistenza Elettorali (IDEA);

9. Jikkundanna bil-qawwa l-bosta każijiet ta' diskriminazzjoni, intolleranza, persekuzzjoni u qtil relatati mar-razza, l-etniċità, in-nazzjonalità, il-klassi soċjali, id-diżabilità, il-kasta, ir-reliġjon, it-twemmin, il-lingwa, l-età, is-sess, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi sesswali li għadhom qed iseħħu f'ħafna pajjiżi u soċjetajiet; jiddeplora l-immirar ta' individwi jew komunitajiet b'dikjarazzjonijiet u azzjonijiet intolleranti u mifnija bil-mibegħda; iqis li l-prevalenza tar-razziżmu, l-antisemitiżmu u l-ksenofobija f'ħafna pajjiżi mhix aċċettabbli; jinsisti li l-gvernijiet madwar id-dinja jikkundannaw b'mod ċar u jieħdu approċċ ta' tolleranza żero għar-razziżmu u d-diskriminazzjoni;

10. Jissottolinja t-theddida tremenda u dejjem tikber għad-drittijiet tal-bniedem li t-tibdil fil-klima, il-qerda ambjentali u t-telfien tal-bijodiversità jġibu magħhom billi jċaħħdu lin-nies mid-dritt fundamentali għall-ħajja, b'mod partikolari minħabba livell ogħla ta' ġuħ globali, inugwalanzi ekonomiċi u soċjali, restrizzjonijiet fuq l-aċċess għall-ilma u mwiet addizzjonali minħabba malnutrizzjoni u ż-żieda fit-tixrid tal-mard; jisħaq li t-tibdil fil-klima jimmina wkoll it-tgawdija ta' drittijiet oħra tal-bniedem, inkluż id-dritt għas-sigurtà tal-ikel, l-ilma tajjeb għax-xorb u s-sanità, is-saħħa, l-akkomodazzjoni xierqa, l-awtodeterminazzjoni, ix-xogħol u l-iżvilupp; jiġbed l-attenzjoni, barra minn hekk, għar-riskji ppreżentati mit-tibdil fil-klima għall-paċi u s-sigurtà, peress li l-insigurtà tal-ikel u l-iskarsezza tal-ilma jistgħu jwasslu għal kompetizzjoni fir-rigward tar-riżorsi naturali u mbagħad għal instabilità u kunflitti fi ħdan u bejn Stati fraġli; jiġbed attenzjoni partikolari għar-rabta bejn l-isfruttar tar-riżorsi naturali u l-finanzjament tal-kunflitti, il-gwerer u l-vjolenza, direttament jew indirettament, inkluż minn xi atturi mis-settur privat; jenfasizza li l-pajjiżi l-anqas żviluppati huma l-aktar vulnerabbli għat-tibdil fil-klima, peress li jsibuha l-aktar diffiċli biex jirreżistu l-impatti devastanti tiegħu, minkejja li jipproduċu inqas gassijiet b'effett ta' serra minn pajjiżi aktar sinjuri, li huma anqas probabbli li jintlaqtu mit-tibdil fil-klima;

11. Jafferma li l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-azzjoni dwar il-klima u dik ambjentali huma interkonnessi, minħabba li, b'mod partikolari, id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem jipprovdi aċċess għal rimedji u mezzi legali biex tiġi rrimedjata l-ħsara kkawżata mit-tibdil fil-klima, biex jiġu implimentati miżuri għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u biex l-Istati, in-negozji u l-individwi jinżammu responsabbli għar-reazzjonijiet tagħhom għat-tibdil fil-klima u azzjonijiet li jikkontribwixxu għal degradazzjoni ulterjuri tal-ambjent;

12. Jisħaq li l-bijodiversità u d-drittijiet tal-bniedem huma interkonnessi u interdipendenti, u jfakkar fl-obbligi tal-Istati fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem li jipproteġu l-bijodiversità li jiddependu minnha dawk id-drittijiet, inkluż billi jipprevedu l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini f'deċiżjonijiet relatati mal-bijodiversità u jipprovdu aċċess għal rimedji effettivi f'każijiet ta' telfien u degradazzjoni tal-bijodiversità; jesprimi l-appoġġ tiegħu għal sforzi normattivi naxxenti f'livell internazzjonali b'rabta ma' reati ambjentali; iħeġġeġ, f'dan ir-rigward, lill-UE u lill-Istati Membri jippromwovu r-rikonoxximent tal-ekoċidju bħala reat internazzjonali skont l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI);

L-Erbgħa 20 ta' Jannar 2021

13. Jissottolinja l-ħtieġa li tingħata attenzjoni partikolari lill-għajnuna lil persuni li jiġu spostati għal raġunijiet ambjentali u klimatiċi; iqis li huwa importanti li jkun hemm ħidma fuq livell internazzjonali biex jiġi definit il-kunċett ta' "persuni li jiġu spostati għal raġunijiet ambjentali" fin-Nazzjonijiet Uniti bil-ħsieb li jiġi stabbilit qafas legali internazzjonali u li jiġi adottat approċċ komuni għall-ħarsien ta' dawk li huma obbligati jitilqu mill-post ta' residenza tagħhom; jirrikonoxxi li l-konsegwenzi ambjentali tat-tibdil fil-klima jistgħu jaggravaw l-ispostament furzat, u għalhekk jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu implimentati malajr politiki biex jitnaqqsu l-effetti tat-tibdil fil-klima f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi;

14. Jesprimi tħassib kbir dwar id-deforestazzjoni, l-estrazzjoni illegali u l-produzzjoni ta' drogi illeċiti, b'mod partikolari fl-Amażonja fl-2019, minħabba li l-foresti jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima billi jassorbu u jaħżnu d-diossidu tal-karbonju; jisħaq li l-popli indiġeni spiss kienu l-ewwel vittmi tad-deforestazzjoni, li tipperikola d-drittijiet tagħhom għall-art, fost affarijiet oħra, u l-aċċess għar-riżorsi vitali; jissottolinja, f'dan ir-rigward, id-dritt li jiġu determinati u stabbiliti prijoritajiet u strateġiji għall-iżvilupp tagħhom stess u għall-użu tal-artijiet, it-territorji u riżorsi oħra tagħhom; jisħaq li l-impunità għall-ksur tad-drittijiet tal-popli indiġeni hija forza li tmexxi d-deforestazzjoni u għalhekk iqis li l-obbligu ta' rendikont għal dan il-ksur huwa essenzjali; jinnota li l-isfruttament illegali tar-riżorsi naturali jista' jirriżulta f'impatti negattivi serji fuq id-drittijiet soċjali, ekonomiċi, kulturali, ċivili u politiċi tal-komunitajiet lokali, inkluż id-dritt fundamentali tal-popli għall-awtodeterminazzjoni u l-prinċipju ta' sovranità permanenti fuq ir-riżorsi naturali tagħhom;

15. Jilqa' l-aspirazzjonijiet u l-mobilizzazzjonijiet dejjem jikbru taċ-ċittadini, b'mod partikolari l-ġenerazzjonijiet taż-żgħażagħ, għal tibdil politiku u soċjali li jiffavorixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-governanza demokratika, l-ugwaljanza u l-ġustizzja soċjali, azzjoni dwar il-klima aktar ambizzjuża u protezzjoni aħjar tal-ambjent; jenfasizza t-tfaċċar fl-2019 ta' movimenti massivi ta' protesta f'kull reġjun fid-dinja li jirriflettu dawn l-aspirazzjonijiet, li jitolbu t-tibdil fl-ordinijiet istituzzjonali u ekonomiċi tas-soċjetajiet, azzjoni għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-appoġġ tal-iżvilupp ta' soċjetà globali aktar ġusta; jikkundanna l-fatt li f'ħafna pajjiżi n-nies huma mċaħħda mid-dritt tad-dimostrazzjoni paċifika, b'miżuri legali, amministrattivi u oħrajn bħat-trażżin tad-dimostrazzjonijiet permezz tal-użu tal-forza, il-fastidju u d-detenzjoni arbitrarja; jisħaq li fl-2019, mijiet ta' dimostranti paċifiċi ġew arrestati, ħafna minnhom kienu soġġetti għal trattament ħażin u detenzjoni arbitrarja u kienu mġiegħla jħallsu multi ħorox fi proċessi fejn l-istandards minimi proċedurali ma kinux garantiti; jisħaq fuq l-importanza li tinżamm in-natura paċifika tal-azzjonijiet ta' protesta u jesprimi t-tħassib tiegħu dwar xi gruppi periferiċi li kienu qed jieħdu l-opportunità pprovduta mid-dimostrazzjonijiet u l-espressjonijiet tal-movimenti soċjali biex iwettquhom permezz tal-vjolenza u l-interruzzjoni tal-ħajja ta' kuljum; jistieden lill-gvernijiet ma jużawx forza sproporzjonata kontra dimostranti paċifiċi u biex iżommu responsabbli lill-awturi kollha ta' dawn l-atti;

16. Iqis essenzjali r-reazzjonijiet politiċi għat-talbiet leġittimi tas-soċjetajiet, il-familji u l-individwi li huma bbażati fuq djalogu inklużiv li jwassal għal bidla pożittiva; jikkundanna, min-naħa l-oħra, ir-repressjoni ta' movimenti paċifiċi, b'mod partikolari permezz tal-użu eċċessiv tal-forza minn aġenti tas-sigurtà, li ċerti gvernijiet wettqu fuq il-popolazzjonijiet tagħhom bil-għan li joħonqu l-ilħna kuntrarji u kritiċi;

17. Jisħaq li l-qtil, l-attakki fiżiċi u diffamatorji, il-priġunerija, it-theddid ta' mewt, il-fastidju, l-intimidazzjoni u r-restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-espressjoni għadhom jintużaw b'mod sistematiku madwar id-dinja kontra d-DDB, inklużi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa (WHRDs), id-difensuri tad-drittijiet reliġjużi u tat-twemmin, il-komunitajiet lokali, gruppi indiġeni, id-difensuri ambjentali u tal-art, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) u attivisti tas-soċjetà ċivili, informaturi u ġurnalisti; jinnota li d-WHRDs jiffaċċjaw theddid speċifiku għall-ġeneru;

18. Jinsab ferm imħasseb dwar l-użu minn xi pajjiżi ta' leġiżlazzjoni repressiva dwar iċ-ċibersigurtà u kontra t-terroriżmu biex trażżan id-DDB; jissottolinja l-eżistenza ta' xejriet politiċi lejn nazzjonaliżmu aktar profond u l-użu ħażin tar-reliġjon għal gwadann politiku, li jwasslu għall-intolleranza;

19. Jisħaq li huwa d-dmir tal-istituzzjonijiet tal-UE li jappoġġjaw b'mod attiv l-organizzazzjonijiet u l-individwi impenjati fid-difiża tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem; jitlob ġustizzja u obbligu ta' rendikont għall-attakki kollha kontra d-DDB; jitlob lill-UE tappoġġja u tipproteġi d-DDB fid-diversità kollha tagħhom; jissottolinja, f'dan ir-rigward, l-importanza tal-azzjoni tal-Parlament biex ikunu jistgħu jsemmgħu leħinhom u biex jagħmel pressjoni fuq awtoritajiet ta' pajjiżi terzi biex jeħilsu immedjatament u mingħajr kundizzjoni DDB detenuti bħala riżultat tal-attiviżmu tagħhom; jappoġġja l-ħidma tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej fit-tishiħ tal-proċessi demokratiċi u fit-trawwim ta' ġenerazzjoni ġdida ta' mexxejja politiċi madwar id-dinja;

20. Huwa mħasseb serjament dwar il-persistenza tal-pjaga tal-gwerer u l-kunflitti militari, u tal-okkupazzjoni jew l-annessjoni fit-tul tat-territorji, li ħolqu ksur gravi tad-dritt umanitarju internazzjonali u tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-ġenoċidji, il-qtil tal-massa u l-ispostamenti furzati tal-popolazzjonijiet ċivili, inklużi minoranzi reliġjużi, u vjolenza seswali, b'mod partikolari kontra n-nisa u t-tfal; jikkundanna bil-qawwa l-involviment ta' setgħat dittatorjali jew awtoritarji fi gwerer bi prokura u jisħaq li s-soluzzjonijiet politiċi nnegozjati huma prerekwiżit għal paċi sostenibbli; jesprimi tħassib serju dwar tensjonijiet politiċi internazzjonali akbar, u f'ċerti reġjuni tad-dinja, dwar iż-żieda fl-attività ta' gruppi armati mhux Statali u organizzazzjonijiet terroristiċi u l-iżvilupp ta' vjolenza komunali;

21. Jiddeplora l-fatt li filwaqt li n-NU mmarkat il-ħamsa u sebgħin anniversarju tagħha fl-2020, għadd ta' gvernijiet ispirati minn attitudnijiet li jħarsu 'l ġewwa ħadu azzjoni biex jiġġieldu kontra l-multilateraliżmu u l-isforzi ta' kooperazzjoni internazzjonali favur il-paċi, ir-riżoluzzjoni tal-kunflitti u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem ibbażati fuq l-għanijiet u l-prinċipji tal-UDHR, id-dritt internazzjonali, il-Karta tan-NU u l-Att Finali ta' Ħelsinki; jikkritika n-nuqqas ta' tmexxija internazzjonali konġunta minn pajjiżi demokratiċi biex jirreaġixxu b'mod konsistenti għal ksur serju tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u biex jingħaqdu flimkien biex javvanzaw id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, u biex isostnu s-sistemi internazzjonali bbażati fuq ir-regoli, u jħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jimlew dan il-vojt fit-tmexxija;

22. Jiddeplora l-qagħda mwiegħra tal-migranti u r-rifuġjati madwar id-dinja, b'mod partikolari nisa spostati, tfal, persuni b'diżabilità u mard kroniku, persuni b'diversi orjentazzjonijiet sesswali, persuni li jappartjenu għal minoranzi etniċi, reliġjużi u twemmin ippersegwitati, li huma fost dawk l-aktar vulnerabbli; jinnota li huwa stmat l-għadd ta' migranti internazzjonali fl-2019 huwa kważi 272 miljun ([5]), li huwa ekwivalenti għal 3,5 % tal-popolazzjoni globali, fejn aktar minn 20 miljun minnhom kienu rifuġjati ([6]), u li avvenimenti ta' spostament u migrazzjoni fuq skala kbira seħħew matul dawn l-aħħar sentejn; jinnota ż-żieda fl-għadd ta' persuni li qed ifittxu l-asil fl-2019, li qed japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali fl-Istati Membri tal-EU-27 ([7]) bħala konsegwenza ta' prattiki repressivi u abbużi tad-drittijiet tal-bniedem min-naħa ta', fost oħrajn, dittatorjati li għandhom b'mod illegali poter politiku; jikkundanna l-miżuri politiċi li jnaqqsu d-drittijiet tal-bniedem tal-migranti u tar-rifuġjati u li jpoġġu f'riskju s-sikurezza u l-ħajja tagħhom; jikkundanna bil-qawwa l-każijiet ta' diskriminazzjoni, intolleranza, persekuzzjoni u qtil marbuta mal-istat ta' migrazzjoni jew ta' rifuġjat; jiċħad it-tendenza negattiva lejn il-fastidju u l-kriminalizzazzjoni tal-ħidma ta' dawk li jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem tal-migranti u tar-rifuġjati u li jipprovdulhom assistenza;

23. Jilqa' l-fatt li l-isforzi biex jiġu avvanzati d-drittijiet tan-nisa u l-bniet kisbu aktar prominenza mad-dinja kollha; jinnota, madankollu, li sa issa l-ebda pajjiż fid-dinja ma kiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

24. Jisħaq fuq il-persistenza ta' vjolenza mifruxa abbażi tal-ġeneru, inkluż il-femminiċidju, u d-diskriminazzjoni f'kull reġjun tad-dinja, inkluża l-UE, li jirriżultaw minn inugwaljanza bejn il-ġeneri, normi tal-ġeneru u dinamika tal-poter mhux indaqs, prattiki kulturali bħad-diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasta jew sistemi legali diskriminatorji stabbiliti fit-tul, kif ukoll minn azzjonijiet ta' propaganda u diżinformazzjoni li jimminaw id-drittijiet tan-nisa; jikkundanna l-isfruttament tan-nisa permezz tat-traffikar tal-bnedmin u l-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluża l-vjolenza sesswali, fiżika u psikoloġika, li huma fost l-aktar ksur mifrux u sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem;

25. Jenfasizza, barra minn hekk, l-użu ta' vjolenza sesswali mmirata lejn in-nisa minħabba l-opinjonijiet, ir-reliġjon, l-orjentazzjoni filosofika jew sesswali jew l-attiviżmu tagħhom fid-difiża tad-drittijiet tal-bniedem; jisħaq li n-nisa u l-bniet minn minoranzi etniċi, reliġjużi u ta' twemmin huma vulnerabbli d-doppju għall-vjolenza u d-diskriminazzjoni speċifiċi għall-ġeneru; ifakkar li l-vjolenza kontra n-nisa leżbjani u bisesswali fil-forma ta' "stupru korrettiv" tibqa' problema sistemika f'xi pajjiżi minħabba stigma soċjali u sistemi legali diskriminatorji;

26. Jikkundanna r-rigressjoni li għaddejja bħalissa kontra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa, inklużi t-tentattivi kollha biex jitreġġgħu lura intitolamenti u protezzjonijiet eżistenti fil-qasam tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR), kif ukoll leġiżlazzjoni, politiki u prattiki li jkomplu jiċħdu jew jirrestrinġu dawn id-drittijiet f'ħafna pajjiżi fid-dinja; jikkundanna, f'dan ir-rigward, iċ-ċaħda ta' aċċess għal edukazzjoni komprensiva u ta' kwalità għolja dwar is-sesswalità, servizzi ta' ppjanar tal-familja, kontraċettivi moderni, kura sikura u legali f'każ ta' abort u kura tas-saħħa materna, u abbużi u trattament ħażin tan-nisa f'ambjenti tal-kura tas-saħħa materni, qabel it-twelid u wara t-twelid, kif ukoll

([5]) World Migration Report 2020 (Rapport Dinji dwar il-Migrazzjoni 2020) – l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (https://publications.iom.int/system/files/pdf/wmr_2020.pdf).

([6]) Skont id-data ppubblikata mill-UNHCR (https://www.unhcr.org/refugee-statistics/download/?url=fd4J).

([7]) Statistika dwar l-asil – Eurostat (https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Asylum_statistics).

prattiki tas-saħħa sesswali u riproduttiva koerċittivi u li ma jirrispettawx il-kunsens liberu u infurmat tan-nisa; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu protetti l-ġenituri f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, b'mod partikolari ġenituri waħedhom u dawk li għandhom familji kbar, biex jiġu megħjuna jevitaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali; jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jinħolqu ambjent soċjali u ekonomiku u kundizzjonijiet li jippermettu lill-ġenituri jkomplu l-iżvilupp professjonali tagħhom;

27. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu protetti l-ommijiet f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, b'mod partikolari ommijiet waħedhom, biex issir prevenzjoni kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali; jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jinħolqu l-ambjent soċjali u ekonomiku u l-kundizzjonijiet li jippermettu lill-ommijiet ikomplu l-iżvilupp professjonali tagħhom;

28. Jikkundanna wkoll gvernijiet mad-dinja kollha li qed jopponu jew jaggravaw rigressjoni negattiva kontra t-talbiet tan-nisa għal drittijiet indaqs; jissottolinja r-rwol prominenti li n-nisa għandhom permezz tal-attiviżmu tagħhom f'movimenti politiċi u soċjali u jiddeplora l-konsegwenzi kbar li ġarrbu minħabba li kienu vittmi ta' vjolenza kkawżata minn repressjoni brutali u gwerra, kif ukoll sfruttament sesswali matul kunflitti armati;

29. Jesprimi tħassib serju dwar il-kontinwazzjoni ta' abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem kontra t-tfal madwar id-dinja fl-2019, is-sena tat-30 anniversarju tal-UNCRC, jiġifieri t-tħaddim tat-tfal, iż-żwiġijiet prekoċi u sfurzati, it-traffikar u l-isfruttament tat-tfal, inkluż għal skopijiet sesswali, il-lieva jew l-ingaġġ tat-tfal fi gruppi, l-użu ta' suldati tfal f'kunflitti armati, abbuż sesswali u prostituzzjoni tat-tfal, separazzjoni tal-familja u d-detenzjoni tat-tfal, inkluż għal raġunijiet relatati mal-immigrazzjoni, kif ukoll l-isfidi li jiffaċċjaw il-bniet f'termini ta' vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, tqala mhux f'waqtha, l-infezzjoni tal-HIV u t-tluq bikri mill-iskola; jesprimi dispjaċir li fil-kuntest tal-pandemija, għadd kbir ta' tfal u żgħażagħ kellhom jibdew jaħdmu sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi u jappoġġjaw lill-familji tagħhom u, b'riżultat ta' dan, telqu mill-iskola; jisħaq li dan l-iżvilupp mhux mixtieq huwa rigressjoni f'termini tal-edukazzjoni skolastika tat-tfal;

30. Jesprimi s-sogħba kbira tiegħu lejn l-attakki terroristiċi u l-attakki bil-bombi mwettqa fl-ewwel nofs tal-2019 li kienu mmirati lejn nies reliġjużi u l-postijiet ta' qima tagħhom li jeħtieġ li jiġu ppreservati u mħarsa, u jikkundanna dawn l-attakki; huwa allarmat li dawn l-atti orribbli ħabtu mal-kampanji ta' mibegħda xprunati minn ċerti mexxejja politiċi u gruppi terroristiċi li għandhom l-għan li jiċħdu jew jillimitaw id-dritt għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon jew tat-twemmin; iħeġġeġ lill-Istati jippromwovu l-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon jew tat-twemmin u biex jipproteġu minoranzi reliġjużi u ta' twemmin vulnerabbli, billi jieħdu azzjoni rapida kontra l-awturi ta' vjolenza jew inċitament għall-mibegħda;

Inpoġġu l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem fil-qalba tal-politika barranija tal-UE

31. Ifakkar li l-Unjoni hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, is-solidarjetà, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, kif stipulati fl-Artikolu 2 TUE; jisħaq li l-promozzjoni ta' dawn il-valuri esternament, l-avvanz tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibilità tad-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-dritt internazzjonali, jinsabu fil-qalba tal-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE, f'konformità mal-Artikolu 21 TUE u l-interess strateġiku tal-Unjoni, u għandhom jiġu riflessi, b'mod effettiv u koerenti, fl-oqsma kollha tar-relazzjonijiet tal-Unjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE;

32. Jisħaq fuq l-importanza tal-isforzi tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u tal-Kummissjoni biex jieqfu kontra u jirreaġixxu b'mod robust u bil-vuċi għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem kull fejn iseħħu, inkluż f'pajjiżi sħab viċin, u biex kontinwament isaħħu s-sensibilizzazzjoni u l-għarfien tal-uffiċjali tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; ifakkar li involviment effettiv u djalogu sinifikattiv mas-soċjetà ċivili huma l-pedament ta' politika tad-drittijiet tal-bniedem li tkun ta' suċċess; jistieden lid-delegazzjonijiet kollha tal-UE u lill-punti fokali rispettivi tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem biex b'mod konsistenti jikkonformaw mal-obbligu tagħhom li jiltaqgħu mad-DDB, inklużi WHRDs u membri tas-soċjetà ċivili, iżuru attivisti detenuti, dissidenti favur id-demokrazija u DDB, jimmonitorjaw il-proċessi tagħhom u jippromwovu l-protezzjoni tagħhom fil-prattika; jistieden ukoll lid-delegazzjonijiet tal-UE jiffaċilitaw it-tentattiv ta' azzjonijiet bħal dawn minn MEPs li jwettqu żjarat fil-qafas ta' missjonijiet uffiċjali tal-Parlament Ewropew; jisħaq fuq l-importanza li jiġu indirizzati mhux biss il-konsegwenzi, iżda anke l-kawżi ewlenin tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem;

Ħidma tal-UE fuq livell multilaterali

33. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jiżviluppaw strateġija espliċita biex jiġġieldu kontra ż-żieda fl-irtirar mill-Istat u l-pushback kontra l-qafas internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, f'konformità mal-impenji ddikjarati għall-multilateraliżmu fil-pjan ta' azzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, kif ukoll tentattivi fil-livell internazzjonali biex jiġi mminat il-kunċett tad-drittijiet tal-bniedem kif stabbilit fl-UDHR; jisħaq fuq il-fehma tiegħu li d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-weġħda li jintlaħqu l-SDGs sal-2030 għandhom jibqgħu pedamenti; jirrakkomanda li l-UE tkompli bl-isforzi tagħha billi timpenja ruħha ma' pajjiżi u partijiet ikkonċernati li jistgħu jew ma jistgħux jaqsmu l-istess valuri bħall-UE, sabiex jippreservaw jew jiżviluppaw standards internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem f'konformità mal-Artikolu 21 TUE;

34. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-politika estera u ta' sigurtà tal-UE aktar effettiva billi jużaw ir-regola tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill, speċjalment fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija u għall-adozzjoni ta' sanzjonijiet; jistieden lill-Istati Membri jitkellmu b'vuċi waħda u b'saħħitha tal-UE fil-fora multilaterali, u jaġixxu flimkien meta ffaċċjati minn kriżi li tisfida l-valuri u l-interessi ewlenin tal-Unjoni Ewropea, peress li dan huwa l-uniku mod li bih l-Unjoni jista' jkollha rwol ewlieni fix-xena internazzjonali u tuża l-influwenza tagħha biex iġġib tibdil pożittiv u reazzjonijiet aktar koordinati għall-isfidi globali, primarjament il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll sfidi ambjentali u dawk relatati mal-klima;

35. Itenni li l-UE se tkun rikonoxxuta, kredibbli u effettiva biss fix-xena globali jekk il-valuri fundamentali tagħha, b'mod partikolari dawk tar-rispett għal-libertà, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-ugwaljanza jkunu kredibbli esternament, u dan ikun possibbli biss jekk l-UE tiżgura l-koerenza interna u esterna tal-politiki tagħha dwar dawn il-kwistjonijiet; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jmexxu bl-eżempju, billi jirrispettaw b'mod strett id-drittijiet tal-bniedem, jiżguraw il-konsistenza fid-difiża u fl-osservanza tal-valuri tagħha, u jiżguraw ambjent favorevoli għas-soċjetà ċivili;

36. Jiddeplora l-fatt li reġimi awtoritarji abbużaw minn istituzzjonijiet multilaterali, u qed jippruvaw jinnewtralizzaw istituzzjonijiet u mekkaniżmi multilaterali tad-drittijiet tal-bniedem fil-kapaċità tagħhom li jżommu lill-Istati responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jaħdmu ma' alleati demokratiċi tal-istess fehma biex jappoġġjaw riforma tal-istituzzjonijiet multilaterali sabiex ikunu jistgħu jsiru aktar reżiljenti kontra l-influwenza negattiva ta' reġimi awtoritarji; jiddeplora wkoll il-fatt li s-siġġijiet fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU (UNHRC) huma ħafna drabi okkupati minn pajjiżi b'rekords ippruvati ta' ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem, u jistieden lill-Istati Membri tal-UE joqogħdu attenti ħafna fit-tendenzi tal-votazzjoni tagħhom u jevitaw li jappoġġjaw pajjiżi li huma kandidati biex iservu bħala membri tal-UNHRC u li jiksru b'mod ċar id-drittijiet tal-bniedem;

37. Iqis li d-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi mhux tal-UE jistgħu jikkostitwixxu għodda utli għal involviment bilaterali fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, sakemm jitwettqu b'mod orjentat lejn ir-riżultati u jiġu rieżaminati regolarment; ifakkar li l-linji gwida tal-UE dwar id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem jiddeskrivu għadd ta' kriterji għall-ftuħ ta' djalogu inkluż "kemm il-gvern huwa lest li jtejjeb is-sitwazzjoni, l-impenn tal-gvern fir-rigward tal-konvenzjonijiet internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, ir-rieda tal-gvern li jikkoopera mal-proċeduri u l-mekkaniżmi tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll l-attitudni tal-gvern lejn is-soċjetà ċivili"; jitlob lis-SEAE jwettaq valutazzjoni regolari ta' kull djalogu, kif previst mil-linji gwida tal-UE; jinsisti fuq l-importanza li jitqajmu każijiet individwali fil-kuntest tad-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem u li jiġu żgurati segwitu u trasparenza adegwati dwar dawn il-każijiet;

Ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem

38. Jilqa' l-ħatra ta' Eamon Gilmore fit-28 ta' Frar 2019 bħala Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem (RSUE); itenni li l-ħatra tar-RSUE għandha tkun soġġetta għal seduta ta' smigħ minn qabel fil-Parlament; iħeġġeġ lir-RSUE jkompli bl-isforzi diplomatiċi biex itejjeb l-effikaċja tal-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem, biex jikkonsolida alleanzi internazzjonali għall-promozzjoni tal-aġenda dwar id-drittijiet tal-bniedem u biex jikkonvinċi lil interlokuturi madwar id-dinja biex jadottaw u jimplimentaw politiki li jikkonformaw mal-oġħla standards tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-governanza tajba, u d-dritt u n-normi internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt umanitarju internazzjonali u l-ġustizzja kriminali internazzjonali; jirrakkomanda, barra minn hekk, li r-RSUE jirdoppja l-isforzi tiegħu biex jiżgura l-koerenza interna tal-UE fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika barranija tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem; jinsisti li r-rapporti regolari tiegħu lill-Kunsill huma kondiviżi wkoll mal-Parlament; jitlob lill-UE ssaħħaħ il-viżibilità tar-RSUE u t-trasparenza tal-attivitajiet u l-missjonijiet tal-pożizzjoni, inkluż permezz ta' sezzjoni ddedikata

L-Erbgħa 20 ta' Jannar 2021

tas-sit web tas-SEAE, u biex tagħmel ir-RSUE pożizzjoni permanenti, b'riżorsi adegwati u l-kapaċità li jitkellem pubblikament sabiex jirrapporta dwar il-kisbiet taż-żjarat f'pajjiżi mhux tal-UE u jikkomunika l-pożizzjonijiet tal-UE dwar suġġetti relatati mad-drittijiet tal-bniedem, bħala parti minn riforma ġenerali tal-pożizzjoni tar-RSUE;

Ftehimiet internazzjonali

39. Itenni t-talba tiegħu biex il-klawżoli dwar id-drittijiet tal-bniedem jiġu inklużi b'mod sistematiku fil-ftehimiet internazzjonali kollha, b'mod partikolari dawk dwar il-kummerċ u l-assoċjazzjoni, bejn il-pajjiżi tal-UE u dawk mhux tal-UE u biex jiġu infurzati u mmonitorjati kif xieraq, inkluż permezz ta' punti ta' riferiment li jistgħu jitkejlu u valutazzjonijiet tal-impatt regolari, bl-involviment tal-Parlament u tas-soċjetà ċivili; jisħaq li dawn il-klawżoli għandhom jipprevedu mekkaniżmi li jiżguraw l-infurzar effettiv tagħhom u proċeduri li jistabbilixxu konsegwenzi ċari u kredibbli li jirriżultaw minn ksur tal-ftehimiet, inklużi s-sospensjoni jew, bħala l-aħħar alternattiva, l-irtirar tal-UE mill-ftehimiet; jitlob li jkun hemm koordinazzjoni u komunikazzjoni aħjar bejn l-atturi speċjalizzati responsabbli għall-oqsma ta' politika rilevanti bħall-kummerċ u d-drittijiet tal-bniedem, għal integrazzjoni aktar effiċjenti tal-aspetti tad-drittijiet tal-bniedem fil-politika tal-kummerċ u l-investiment; iħeġġeġ li jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' monitoraġġ indipendenti dwar id-drittijiet tal-bniedem fir-rigward tal-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment barrani, kif ukoll mekkaniżmu indipendenti tal-ilmenti, biex iċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati lokali affettwati jingħataw rikors effettiv għar-rimedju;

40. Jisħaq li l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi jistgħu jinkisbu b'mod effettiv permezz tal-użu ta' kundizzjonalità fl-inċentivi ekonomiċi u politiċi tal-UE bħall-aċċess għall-finanzjament tal-UE, l-għoti tas-sistema ġeneralizzata ta' preferenzi (GSP) u ta' aktar faċilitazzjonijiet tariffarji, u l-għoti ta' eżenzjonijiet mir-rekwiżit tal-viża ta' Schengen tal-UE; ifakkar, f'dan il-kuntest, li skont ir-Regolament (UE) 2018/1806, il-Kummissjoni għandha timmonitorja u tirrapporta regolarment lill-Parlament, inkluż dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi terzi li huma benefiċjarji tal-eżenzjoni mir-rekwiżit tal-viża u għandha tissospendi l-eżenzjoni mill-viża fil-każ ta' ksur fil-pajjiż ikkonċernat;

L-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali

41. Jitlob li l-implimentazzjoni ta' baġit adegwat għal attivitajiet u l-appoġġ għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem skont l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) ikunu jaqblu mal-livell tal-impenn u l-ambizzjoni tal-Unjoni;

42. Jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja u tinkludi bħala parti mir-rapport annwali tagħha dwar l-ilħuq tal-objettivi tal-NDICI, kapitolu dwar ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-konformità mal-Artikolu 8 – Prinċipji ġenerali tal-Istrument mill-pajjiżi sħab li jibbenefikaw mill-finanzjament tiegħu; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi miżuri xierqa, inklużi s-sospensjoni tal-finanzjament tal-UE għal atturi statali u d-direzzjoni mill-ġdid ta' għajnuna lejn is-soċjetà ċivili, f'każ ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem jew tal-prinċipji tal-NDICI mill-benefiċjarji tagħha; jitlob li jkun hemm aktar trasparenza fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet ta' finanzjament u kjarifika tal-mekkaniżmu u l-kriterji għas-sospensjoni ta' ftehimiet bħal dawn fil-każ ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, tal-prinċipji demokratiċi u tal-istat tad-dritt u f'każijiet serji ta' korruzzjoni; jistieden lill-Kummissjoni toqgħod strettament lura milli tuża l-appoġġ baġitarju għall-gvernijiet ta' pajjiżi terzi bħala modalità operattiva f'pajjiżi li qed jaraw ksur mifrux tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tad-DDB;

43. Jitlob lill-UE tagħti attenzjoni partikolari biex tivvaluta u tipprevjeni kwalunkwe ksur marbut mal-politiki, il-proġetti u l-finanzjament tal-Unjoni stess f'pajjiżi terzi, inkluż bil-holqien ta' mekkaniżmu tal-ilmenti għal individwi jew gruppi li d-drittijiet tagħhom setgħu ġew miksura mill-attivitajiet tal-UE f'dawn il-pajjiżi;

44. Jilqa' l-assistenza imprezzabbli pprovduta lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mad-dinja kollha fl-ambitu tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem, li kkostitwixxa l-istrument ewlieni tal-Unjoni Ewropea fl-implimentazzjoni tal-politika esterna tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem; jitlob li fl-ambitu tal-istrument globali suċċessur ikompli jiżdied il-finanzjament għas-soċjetà ċivili u għad-drittijiet tal-bniedem;

45. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi, f'kooperazzjoni mas-SEAE, qafas għar-rapportar annwali mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) dwar l-operazzjonijiet tiegħu barra l-UE fir-rigward tal-konformità mal-prinċipji ġenerali li jiggwidaw l-azzjoni esterna tal-Unjoni kif imsemmija fl-Artikolu 21 TUE u l-qafas strateġiku tal-UE u l-pjan ta' azzjoni għad-drittijiet tal-bniedem; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-proġetti appoġġjati mill-BEI jkunu konformi mal-politika u l-impenji tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem, u li jeżistu mekkaniżmi ta' obbligu ta' rendikont għall-individwi biex jirrapportaw ksur relatat mal-attivitajiet tal-BEI; jistieden lill-BEI jkompli jiżviluppa l-politika tiegħu dwar l-istandards soċjali f'politika dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-qasam bankarju; jitlob l-inklużjoni ta' punti ta' riferiment tad-drittijiet tal-bniedem fl-evalwazzjonijiet tal-proġetti tiegħu;

Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija

46. Jilqa' l-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024; jesprimi d-diżappunt tiegħu għall-fatt li s-SEAE ma kienx ta attenzjoni xierqa lill-offerta tal-Parlament u tas-Sottokumitat tiegħu għad-Drittijiet tal-Bniedem biex jikkontribwixxu b'mod attiv għat-tħejjija tiegħu, fi spirtu ta' kooperazzjoni interistituzzjonali tajba;

47. jistieden lis-SEAE u lill-Kummissjoni jorganizzaw konsultazzjonijiet regolari mas-soċjetà ċivili u biex jinvolvu ruħhom fi djalogu strutturat u regolari mal-korpi kompetenti tal-Parlament dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni l-ġdid sabiex il-Parlament ikun jista' jwettaq il-parti tiegħu fl-attivitajiet tal-pjan ta' azzjoni, b'mod partikolari permezz tad-diplomazija parlamentari, u jwettaq b'mod effettiv ir-rwol ta' skrutinju tiegħu; jirrakkomanda li jiġi stabbilit sett ta' punti ta' riferiment u indikaturi tal-progress sabiex l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tiġi mmonitorjata b'mod effettiv; jistieden lis-SEAE jirrapporta dwar il-progress li sar fl-ilħuq tal-objettivi tal-pjan ta' azzjoni skont dawn il-punti ta' riferiment; jitlob li s-SEAE jsegwi regolarment ir-riżoluzzjonijiet u d-dibattiti tal-Parlament li huma rilevanti għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni; jinsisti li l-Istati Membri jieħdu l-pussess tal-pjan ta' azzjoni u jikkontribwixxu għar-rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tiegħu billi jirrapportaw dwar l-attivitajiet tagħhom stess imwettqa skont dan id-dokument strateġiku;

Nirreaġixxu għall-isfidi globali tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija

Governanza demokratika u spazju favorevoli għas-soċjetà ċivili

48. Huwa tal-fehma li l-governanza demokratika u l-istat tad-dritt qed jiġu attakkati globalment minħabba taħlita ta' fatturi li jinkludu ż-żieda ta' awtoritarjaniżmu u populiżmu, iż-żieda fl-inugwaljanzi u l-faqar, il-pressjoni fuq is-soċjetà ċivili, il-proliferazzjoni ta' aħbarijiet foloz, id-diżinformazzjoni, it-theddid ċibernetiku u l-gwerer ibridi, l-interferenza politika u kampanji mwettqa minn atturi esterni, it-telf tal-kredibilità tal-awtoritajiet pubbliċi, il-polarizzazzjoni tas-soċjetajiet u d-dgħufija tal-organizzazzjonijiet kollettivi li jiddefendu l-interess pubbliku; jenfasizza wkoll li l-attakki fuq il-libertà tal-midja u t-tentattivi ta' manipulazzjoni tad-diskors pubbliku permezz tat-tixrid ta' aħbarijiet foloz fil-midja soċjali qatt ma kienu daqshekk frekwenti u b'saħħithom; jesprimi tħassib li prattiki awtoritarji bħall-istigmatizzazzjoni tal-atturi tas-soċjetà ċivili bħala "aġenti barranin" qed jiġu kkupjati u mxerrda globalment;

49. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex ikomplu jappoġġaw it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet demokratiċi u proċessi elettorali trasparenti u kredibbli mad-dinja kollha, biex iħeġġu u jwettqu dibattitu demokratiku, jiġġieldu kontra l-inugwaljanzi, jiżguraw il-ħidma tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, jappoġġaw id-djalogu bejn oqsma differenti tas-soċjetà, jiġġieldu l-korruzzjoni u l-impunità, u jsaħħu l-indipendenza u l-imparzjalità tal-ġudikaturi u l-mekkaniżmu ta' obbligu ta' rendikont; jitlob lill-UE tkompli ssaħħaħ l-isforzi tagħha dwar l-osservazzjoni elettorali u tikkoopera aktar mill-qrib mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, speċjalment ma' dawk ta' rilevanza speċjali bħall-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa;

50. Jisħaq li l-korruzzjoni u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem huma marbuta b'mod intrinsiku; jitlob lill-UE tintegra l-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-aġenda tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem; itenni d-dmir tal-UE li tipproteġi l-assoċjazzjonijiet kontra l-korruzzjoni, il-ġurnalisti investigattivi u l-informaturi li jaħdmu biex jikxfu l-korruzzjoni u l-frodi;

L-azzjoni dwar il-klima u d-drittijiet tal-bniedem

51. Jafferma li l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-azzjoni dwar il-klima u dik ambjentali huma interkonnessi, b'mod partikolari, minħabba li d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem jipprevedi toroq legali biex tiġi rrimedjata l-ħsara kkawżata mit-tibdil fil-klima, biex jiġu implimentati miżuri għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u biex l-Istati, b'mod partikolari dawk li jniġġsu l-aktar, in-negozji u dawk li jfasslu d-deċiżjonijiet jinżammu responsabbli għar-reazzjonijiet tagħhom għat-tibdil fil-klima;

52. Jappoġġja approċċ inklużiv u bbażat fuq id-drittijiet biex tingħata spinta lil azzjoni dwar il-klima li tiżgura l-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja fit-teħid, l-implimentazzjoni u r-rieżami tad-deċiżjonijiet politiċi relatati mat-tibdil fil-klima u l-konsegwenzi tiegħu; jafferma li l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima timxi id f'id mal-appoġġ u l-protezzjoni ta' dawk li jiddefendu l-pjaneta u r-riżorsi naturali tagħha, inklużi d-difensuri tal-art u tal-ambjent u l-komunitajiet indiġeni;

L-approċċ tal-UE għall-kunflitti, l-obbligu ta' rendikont għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġlieda kontra l-impunità

53. Jenfasizza l-kumplessità tal-kunflitti moderni, li ta' spiss jiżviluppaw b'mod domestiku fil-livell nazzjonali jew reġjonali, xi drabi fil-forma ta' attakki ibridi jew ċibernetiċi, jinvolvu ħafna partijiet, inklużi organizzazzjonijiet terroristiċi u atturi mhux statali, u għandhom konsegwenzi umanitarji diżastrużi, b'mod partikolari minħabba d-diffikultà li ssir

distinzjoni bejn kumbattenti u mhux kumbattenti; jitlob lill-UE ssaħħaħ ir-reazzjoni tagħha għall-kunflitti, billi tindirizza l-kawżi ewlenin tagħhom, tinvesti fil-prevenzjoni tal-kunflitti u fl-isforzi ta' medjazzjoni, tfittex u żżomm spazju għal soluzzjonijiet politiċi, toħloq alleanzi ma' pajjiżi bl-istess fehma u organizzazzjonijiet reġjonali, billi tipprovdi aktar appoġġ finanzjarju u tekniku u persunal għal missjonijiet ċivili u missjonijiet ta' operazzjonijiet militari għaż-żamma tal-paċi, u tippromwovi inizjattivi ta' bini ta' fiduċja bejn belliġerenti; jitlob ukoll lill-UE tiżgura l-integrazzjoni ta' perspettiva tal-ġeneru f'dawn l-isforzi kollha, filwaqt li żżid ir-rwol tan-nisa u ż-żgħażagħ fil-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti, kif ukoll fiż-żamma tal-paċi, fl-għajnuna umanitarja u fl-operazzjonijiet ta' rikostruzzjoni wara l-kunflitti, il-ġustizzja tranżitorja u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u r-riformi demokratiċi; jistieden ukoll lill-UE tindirizza t-traffikar u l-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, u tiżgura aċċess sostnut għal servizzi tas-saħħa essenzjali u li jsalvaw il-ħajja; jinsisti fuq l-importanza li tiġi żgurata l-koerenza tal-politika tal-UE fir-rigward ta' sitwazzjonijiet ta' okkupazzjoni jew annessjoni tat-territorju; ifakkar li d-dritt umanitarju internazzjonali għandu jiggwida l-politika tal-UE fir-rigward ta' dawn is-sitwazzjonijiet kollha, inkluż f'każijiet ta' okkupazzjoni fit-tul;

54. Jistieden lill-gvernijiet kollha jagħtu aċċess bla limitu lit-territorji kollha tagħhom għall-osservaturi internazzjonali, inklużi r-RSUE, il-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Proċeduri Speċjali tan-NU; jenfasizza l-importanza li jingħata aċċess bla xkiel lill-organizzazzjonijiet umanitarji internazzjonali ewlenin u lill-osservaturi internazzjonali fiż-żoni milquta mill-kunflitti li jkunu għaddejjin u minn aggressjoni militari;

55. Jistieden lill-Istati Membri jikkonformaw b'mod strett mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tat-Trattat tan-NU dwar il-Kummerċ tal-Armi dwar l-Esportazzjoni u l-Valutazzjoni tal-Esportazzjoni u tal-Pożizzjoni Komuni tal-UE dwar l-Esportazzjoni tal-Armi, billi jirrifjutaw kwalunkwe trasferiment ta' armi u tagħmir ta' sorveljanza li jirriżulta fir-riskju li l-atturi importaturi statali jew mhux statali jikkommettu jew jiffaċilitaw ksur tad-drittijiet tal-bniedem jew tad-dritt umanitarju internazzjonali, inkluż fil-kuntest tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF);

56. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu pilastru tad-drittijiet tal-bniedem fl-EPF li jkun fih, fost affarijiet oħra, l-għan li s-soċjetà ċivili tingħata s-setgħa u tiġi appoġġjata, inkluż permezz ta' programmi b'fondi allokati speċifikament għall-appoġġ tad-DDB bħala kontributuri għall-bini tal-paċi; jistieden lill-Istati Membri jikkunsidraw il-possibilità li jinkludu salvagwardji obbligatorji tad-drittijiet tal-bniedem u valutazzjonijiet tal-impatt fl-EPF futur, inkluża l-konformità ma' qafas ta' politika b'saħħtu tad-diliġenza dovuta tad-drittijiet tal-bniedem (HRDD) dwar kwistjonijiet ta' difiża u ta' sigurtà, ispirat mill-politika tal-HRDD tan-NU;

57. Jafferma mill-ġdid l-appoġġ sod tiegħu għall-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) u jistieden lill-Istati Partijiet għall-Istatut ta' Ruma biex jipprovdu lill-QKI riżorsi finanzjarji xierqa sabiex din tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha fil-mandat tagħha; jitlob lill-QKI tkompli l-ħidma tagħha b'imparzjalità u indipendenza; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jinkoraġġixxu lill-membri kollha tan-NU biex jirratifikaw u jimplimentaw l-Istatut ta' Ruma; jistieden lill-firmatarji tal-Istatut ta' Ruma jikkooperaw mal-QKI; iqis li l-attakki kontra l-QKI huma ta' dispjaċir kbir u fl-aħħar jikkundanna s-sanzjonijiet individwali imposti fuq il-persunal tagħhom, b'mod partikolari dawk kontra l-prosekutur ewlieni tal-QKI, li huma inaċċettabbli; jistieden lill-Istati Partijiet jieħdu azzjoni konkreta biex ifittxu t-tneħħija ta' dawk is-sanzjonijiet u biex jappoġġjaw lil dawk milquta minnhom; jisħaq li l-QKI hija l-unika istituzzjoni internazzjonali li għandha l-kapaċità li tieħu azzjoni kontra xi whud mill-aktar reati orribbli tad-dinja u li tiddefendi l-vittmi li m'għandhom imkien ieħor fejn jirrikorru; jirrikonoxxi l-ħidma tar-Reviżjoni Esperta Indipendenti, li għandha l-kompitu li tidentifika oqsma għar-riforma, u jistieden lill-QKI tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex ittejjeb il-prestazzjoni, l-effikaċja u l-impatt pożittiv tagħha, b'mod partikolari fuq il-komunitajiet u l-vittmi influwenzati mill-ħidma tagħha; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jkomplu jipproteġu l-indipendenza u l-imparzjalità tal-QKI kontra attakki li għandhom l-għan li jfixklu l-funzjonament tal-ġustizzja kriminali internazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jesploraw modi u jippreżentaw għodod ġodda biex jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra r-reati internazzjonali, jgħinu lill-vittmi tal-ksur tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali biex ikollhom aċċess għall-ġustizzja internazzjonali u jiksbu rimedju u riparazzjoni, inkluż permezz tal-bini tal-kapaċità tal-Istati Membri u tal-pajjiżi mhux tal-UE biex japplikaw il-prinċipju ta' ġurisdizzjoni universali fis-sistemi legali domestiċi tagħhom;

58. Itenni t-talba tiegħu biex il-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) jaħtar Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Dritt Umanitarju Internazzjonali u l-Ġustizzja Internazzjonali b'mandat biex jippromwovi, jintegra u jirrappreżenta l-impenn tal-UE fil-ġlieda kontra l-impunità;

59. Jistieden lill-Istati Membri u lin-Network tal-UE għall-Ġenoċidju jappoġġjaw lit-tim investigattiv tan-NU fil-ġbir, il-preservazzjoni u l-ħżin ta' evidenza ta' reati li attwalment qed jitwettqu jew li saru dan l-aħħar sabiex ma tintilifx;

60. Jesprimi l-ħtieġa li tiġi żgurata l-ġustizzja għall-vittmi kollha tal-ksur tad-drittijiet internazzjonali tal-bniedem u tad-dritt umanitarju u, fid-dawl tal-kunflitti armati li għaddejjin bħalissa, jitlob li l-ostilitajiet jieqfu immedjatament; jisħaq li l-komunità internazzjonali għandha r-responsabilità li ttemm l-impunità u l-ksur gravi li twettaq f'diversi pajjiżi;

61. Jesprimi tħassib serju dwar l-użu tal-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru bħala arma tal-gwerra; jisħaq fuq il-fatt li l-Istatut ta' Ruma jqis ir-reati sesswali u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru bħala reati tal-gwerra, reati kontra l-umanità jew elementi kostituttivi ta' ġenoċidju jew tortura; jitlob li titwieħed azzjoni miftiehma biex jintemm l-użu tal-vjolenza sesswali bħala arma tal-gwerra; jilqa' r-riżoluzzjoni 2467 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (KSNU) dwar il-vjolenza sesswali b'rabta mal-kunflitt u r-riżoluzzjonijiet kollha relatati tal-KSNU, qabelxejn ir-riżoluzzjoni 1325 dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà, li tafferma l-impenn tal-KSNU li jipprevjeni l-użu tal-vjolenza sesswali bħala tattika tal-gwerra u t-terroriżmu permezz tal-użu tal-mezzi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu, inklużi sanzjonijiet u miżuri mmirati oħra kontra l-awturi tar-reati; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-vittmi nisa ta' stupru tal-gwerra jingħataw l-assistenza u s-servizzi mediċi u psikoloġiċi sikuri kollha meħtieġa, inkluż abort sikur, kif previst fid-dritt umanitarju internazzjonali; jitlob lill-UE tiġġieled l-impunità għall-ksur tad-drittijiet sesswali u riproduttivi f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt u jappoġġja d-drittijiet tan-nisa u l-bniet għall-verità, rimedji effettivi u kumpens għall-ksur ta' dawn id-drittijiet; jilqa', barra minn hekk, il-ħolqien min-NU ta' Fond Globali għas-Superstiti ta' Vjolenza Sesswali b'rabta mal-kunflitt fit-30 ta' Ottubru 2019, bil-għan li jiġu megħjuna jiksbu kumpens;

62. Ifakkar fir-Rapporti ta' Evalwazzjoni tan-NU dwar l-Isforzi ta' Infurzar u ta' Għajnuna għal Rimedju għall-Isfruttament u l-Abbuż Sesswali Minn Persunal tan-Nazzjonijiet Uniti u Persunal Relatat f'Operazzjonijiet Immirati lejn iż-Żamma tal-Paċi; jissottolinja l-ħtieġa li n-NU, l-Istati Membri tal-UE u l-korpi tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni tal-UE jinvestigaw, iħarrku u jikkundannaw lil kwalunkwe membru tal-persunal tan-NU, nazzjonali u tal-UE li jkun wettaq atti ta' vjolenza sesswali mingħajr dewmien u bl-aktar determinazzjoni soda; ifakkar fil-ħtieġa li l-istrutturi rilevanti jiġu riformati b'tali mod li tintemm l-impunità tal-persunal tan-NU u tal-UE, u billi jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' sorveljanza u ta' obbligu ta' rendikont li jiffunzjonaw u li jkunu trasparenti; iqisha inaċċettabbli li azzjonijiet legali rigward allegati abbużi għadhom purament volontarji u jiddependu mill-pajjiż li jikkontribwixxi t-truppi; huwa konvint li reati gravi bħal dawn jistgħu jitnaqqsu u jiġu pprevenuti wkoll permezz tat-taħriġ u l-edukazzjoni; ifakkar fl-urġenza li jiġu evitati tali reati fil-futur, anke sabiex il-popolazzjonijiet lokali jerġgħu jiksbu l-fiduċja fiż-żamma tal-paċi internazzjonali;

63. Jisħaq fuq ir-rabta bejn il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-impunità mifruxa u n-nuqqas ta' obbligu ta' rendikont fir-reġjuni u l-pajjiżi affettwati minn kunflitti jew ikkaratterizzati minn intimidazzjoni, diskriminazzjoni, fastidju u attakki, sekwestri ta' persuni, brutalità mill-pulizija, arresti arbitrarji, każijiet ta' tortura u qtil; jitlob lill-UE tappoġġja azzjonijiet immirati lejn il-ġlieda kontra l-impunità u biex tippromwovi l-obbligu ta' rendikont f'pajjiżi fejn id-dinamika tal-impunità tippremja lil dawk li għandhom l-akbar responsabilità u tneħħi kwalunkwe setgħa lill-vittmi;

64. Jesprimi dispjaċir għall-ħtieġa li r-rebbieħa tal-Premju Sakharov Aung San Suu Kyi tiġi sospiża mill-Komunità tal-Premju Sakharov, iżda jilqa' d-deċiżjoni bħala reazzjoni għan-nuqqas tagħha li taġixxi u l-aċċettazzjoni tagħha tar-reati li għaddejjin bħalissa kontra l-komunità Rohingya fil-Myanmar;

65. Jesprimi t-tħassib tiegħu li qtil ekstraġudizzjarju, tortura u ksur ieħor tad-drittijiet tal-bniedem qed iseħħu f'isem il-ġlieda kontra d-drogi illeċiti; itenni li l-ġlieda kontra l-kriminalità ma tiġġustifika l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u jitlob li jinġabru flimkien l-aħjar prattiki li jinvolvu approċċ għall-minimizzazzjoni tal-ħsara bbażat fuq l-istat tad-dritt;

66. Ifaħħar il-ħidma u l-kontribut għall-ġlieda kontra l-impunità ta' Agnès Callamard, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar eżekuzzjonijiet extraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, fit-twettiq ta' investigazzjonijiet f'każijiet issuspettati ta' qtil extraġudizzjarju fl-2019, pereżempju, fir-rigward tal tal-ġurnalist Jamal Khashoggi, filwaqt li kienet soġġetta għal intimidazzjoni u theddid;

67. Jappoġġja r-riformi tal-ġudikatura biex jiġu żgurati l-imparzjalità u l-indipendenza tagħha, inklużi dawk li jindirizzaw kwistjonijiet assoċjati mar-reklutaġġ u l-ħatra tal-imħallfin, il-korruzzjoni u l-preġudizzju bejn il-ġeneri fi ħdan il-ġudikatura;

L-Erbgħa 20 ta' Jannar 2021

68. Jitlob l-adozzjoni u l-implimentazzjoni urġenti ta' mekkaniżmu globali tal-UE ta' sanzjonijiet b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem awtonomu, flessibbli u reattiv, l-hekk imsejjaħ Att ta' Magnitsky tal-UE, bħala parti essenzjali mis-sett ta' għodod eżistenti tal-UE għad-drittijiet tal-bniedem u l-politika barranija li jsaħħaħ ir-rwol tal-UE bħala attur globali tad-drittijiet tal-bniedem, u li jippermetti sanzjonijiet immirati kontra individwi, u atturi statali u mhux statali u entitajiet oħra responsabbli għal jew kompliċi fi ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi atti ta' korruzzjoni sistematika relatati ma' ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem; jilqa' l-adozzjoni ta' mekkaniżmi globali ta' sanzjoni b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem f'għadd dejjem jikber ta' pajjiżi; jisħaq fuq l-importanza li din is-sistema tkun konformi mal-mekkaniżmu ta' rieżami ġudizzjarju tal-UE; jissottolinja n-neċessità li jiġu allokati biżżejjed riżorsi biex ikun jista' jiġi implimentat b'mod effettiv; jitlob li jitwaqqaf kumitat konsultattiv fil-livell tal-UE bil-parteċipazzjoni tal-Parlament; jisħaq li mekkaniżmu bħal dan se jikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġlieda kontra l-impunità u l-protezzjoni tal-attivisti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja, kif ukoll jafferma mill-ġdid l-importanza li l-Unjoni Ewropea taġixxi fir-rigward ta' sanzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem b'mod effiċjenti, li għalhekk ifisser li tintuża votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata; jilqa' l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi mmirati biex jiskoraġġixxu u jirreaġixxu għal attakki ċibernetiċi li jikkostitwixxu theddida esterna għall-UE jew l-Istati Membri tagħha;

69. Iqis li t-tifqigħa globali tal-COVID-19 m'għandhiex tintuża bħala skuża biex jiddgħajfu r-reġimi tas-sanzjonijiet; jisħaq, madankollu, li s-sanzjonijiet m'għandhomx ifixklu l-għoti ta' għajnuna umanitarja, inkluża l-għajnuna medika, f'konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali;

Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem

70. Jikkundanna l-qtil, id-detenzjoni arbitrarja, it-tortura, il-persekuzzjoni, il-fastidju, l-intimidazzjoni, ir-rikatt, is-sorveljanza diġitali u fiżika mill-bogħod u l-kampanji ta' malafama kontra d-DDB, il-familji u l-avukati tagħhom, kif ukoll dawk li jappoġġjawhom u jissimpatizzaw magħhom; jinnota bi tħassib kbir l-għadd dejjem akbar ta' attakki vjolenti kontra DDB ambjentali u tal-art, kif ukoll il-qtil tagħhom, fl-2019 minħabba li tkellmu favur il-protezzjoni tar-riżorsi naturali u d-drittijiet tal-individwi li jgħixu f'ambjent sikur u b'saħħtu; jinnota li f'xi partijiet tad-dinja dawn l-attakki laħqu livelli perikolużi; jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-vulnerabilità partikolari tad-DDB u l-ħtieġa ta' protezzjoni adegwata biex ikunu jistgħu jwettqu x-xogħol vitali tagħhom mingħajr fastidju u persekuzzjoni; jissottolinja r-rwol li jista' jkollhom l-organizzazzjonijiet reliġjużi biex jirreaġixxu għall-kriżijiet umanitarji, jippromwovu l-paċi, il-ġustizzja u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, jindirizzaw in-nuqqas ta' vjolenza u jaġixxu bħala medjaturi fin-negozjati għar-riżoluzzjoni ta' kunflitti;

71. Huwa partikolarment imħasseb dwar l-għadd dejjem jikber ta' sentenzi imposti mingħajr garanziji tal-istandards minimi ta' proċess ġust meħtieġa mid-dritt internazzjonali; jistieden lill-UE tkompli tuża l-kooperazzjoni u d-diplomazija biex tiżgura li d-dritt għal proċess ġust ikun irrispettat bis-sħiħ għal kull persuna;

72. Jitlob li jintemmu l-attakki kollha kontra d-DDB, li jinħelsu dawk kollha detenuti arbitrarjament u li dawk responsabbli jwieġbu għal għemilhom; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiżviluppaw viżjoni strateġika ta' livell għoli biex jiġġieldu kontra l-attakki globali dejjem jiżdiedu kontra d-DDB, inkluż permezz tal-adozzjoni ta' konklużjonijiet b'saħħithom tal-Kunsill tal-Affarijiet Barranin li fihom il-Ministri tal-Affarijiet Barranin għandhom jitolbu azzjoni globali ambizzjuża tal-UE biex jiddefendu d-DDB; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jsaħħu l-appoġġ tagħhom għad-DDB bħala parti ewlenija u integrali mill-politika esterna tal-Unjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem; jisħaq li d-djalogu politiku u l-involviment mal-awtoritajiet ta' pajjiżi mhux tal-UE, l-osservazzjoni ta' proċessi, il-laqgħat mad-DDB fi żjarat tal-pajjiżi, iż-żjarat lid-DDB detenuti, l-appoġġ għar-rilokazzjoni u d-dikjarazzjonijiet pubbliċi huma elementi essenzjali ta' implimentazzjoni ta' din il-politika; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jżidu l-isforzi tagħhom billi jaġixxu b'mod aktar magħqud u billi jużaw dawn l-istrumenti b'mod koerenti u uniformi, irrispettivament mill-pajjiż ikkonċernat, f'każijiet fejn id-drittijiet tad-DDB ikunu nkisru; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex joħorġu, f'dan l-ispirtu, konklużjonijiet annwali tal-Kunsill dwar id-DDB, filwaqt li jqisu l-azzjoni tagħhom dwar id-DDB u jistabbilixxu impenji strateġiċi fl-ogħla livell għad-DDB; jenfasizza l-azzjoni kontinwa fl-2019 tal-Parlament u tas-Sottokumitat tiegħu għad-Drittijiet tal-Bniedem biex jappoġġjaw u jiġbdu l-attenzjoni għas-sitwazzjoni tad-DDB, inklużi r-rebbieħa u l-persuni nominati tal-Premju Sakharov, b'mod partikolari meta jkunu fil-periklu jew jiffaċċjaw ksur tad-drittijiet tagħhom;

73. Jitlob lill-UE tiggarantixxi l-aċċess tad-WHRDs li jiffaċċjaw vjolenza speċifika għall-ġeneru għal mekkaniżmi ta' protezzjoni u riżorsi, tappoġġjahom politikament, iżżid l-allokazzjonijiet finanzjarji għal organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili li jippromwovu d-drittijiet tan-nisa u l-bniet, u tadotta bħala anness għal-Linji Gwida tal-UE dwar id-DDB, sett ta' għodod li jipprovdi passi prattiċi għall-UE biex tissodisfa aħjar il-ħtiġijiet tad-WHRDs mad-dinja kollha;

74. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jgħollu l-livell ta' ambizzjoni biex jiżguraw il-ħelsien ta' DDB li qegħdin il-ħabs, inklużi każijiet emblematiċi ta' DDB li qegħdin il-ħabs li juru kif il-gvernijiet repressivi madwar id-dinja jużaw b'mod konsistenti l-liġi, f'tentattiv biex jimmalafamaw u jsikktu d-DDB; jisħaq li każijiet bħal dawn jinkludu r-rebbieħa u l-finalisti tal-Premju Sakharov tal-Parlament Ewropew;

75. Iħeġġeġ lid-delegazzjonijiet tal-UE u lir-rappreżentanzi tal-Istati Membri jkomplu jużaw id-diplomazija pubblika u l-inizjattivi biex iqajmu każijiet individwali ta' DDB, u, fejn xieraq, biex jiffaċilitaw il-ħruġ ta' viżi ta' emerġenza u jipprovdu kenn temporanju fl-Istati Membri tal-UE;

76. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jtejbu l-aċċess għall-viżi tal-UE għar-rilokazzjoni fuq terminu qasir tad-DDB, b'mod partikolari permezz tal-inklużjoni ta' istruzzjonijiet fil-Manwal tal-Viża tal-UE dwar l-għoti ta' faċilitazzjonijiet għad-DDB u l-membri tal-familja tagħhom, u jaħdmu biex jemendaw l-istrumenti legali dwar il-viżi, b'mod partikolari l-Kodiċi dwar il-Viżi;

77. Jilqa' t-tiġdid f'Novembru 2019 għal tliet snin oħra tal-mekkaniżmu tad-DDB tal-UE ProtectDefenders.eu; ifakkar fl-importanza ta' dan il-mekkaniżmu fil-konfront tal-ħtiġijiet dejjem jikbru u d-diversità tal-problemi li qed jiffaċċjaw id-DDB; jitlob li dan il-mekkaniżmu jissaħħaħ u li jiġi vvalutat mill-ġdid b'mod kostanti f'konformità mal-ħtiġijiet tiegħu;

Id-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri

78. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw l-istrateġija għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri b'mod koerenti kemm fl-UE kif ukoll barra minnha, u biex jieħdu azzjonijiet effettivi u konkreti biex jiġġieldu kontra rigressjoni fir-rigward tad-drittijiet tan-nisa, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-SRHR;

79. Ifakkar li l-SRHR, u edukazzjoni sesswali adegwata, huma drittijiet tal-bniedem; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jaffermaw mill-ġdid id-drittijiet inaljenabbli tan-nisa għall-integrità fiżika, id-dinjità u t-teħid awtonomu tad-deċiżjonijiet, u jirrispettaw l-universalità u l-indiviżibilità tad-drittijiet kollha tal-bniedem fil-kuntesti kollha, u jiddefendu u jippromwovu b'mod partikolari lil dawk li huma l-aktar mhedda, bħall-SRHR;

80. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill, bl-appoġġ ta' 24 Stat Membru, dwar il-pjan ta' azzjoni ambizzjuż tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-għoti tas-setgħa lin-nisa fir-relazzjonijiet esterni għall-2021-2025 (GAP III), b'impenji u azzjonijiet dwar l-SRHR; jitlob, f'dan ir-rigward, li jissaħħaħ l-appoġġ tal-UE għall-pajjiżi mhux tal-UE, b'mod partikolari għall-pajjiżi tat-tkabbir u dawk ġirien, li qed jimplimentaw politiki ġodda u tibdil leġiżlattiv bil-għan li jallinjaw l-oqfsa legali nazzjonali mal-impenji internazzjonali u tal-SDGs dwar id-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, li jipprevjenu u jiġġieldu kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, li jipproteġu lid-WHRDs, li javvanzaw l-SRHR tan-nisa, li jipprovdu liż-żgħażagħ b'edukazzjoni sesswali bbażata fuq ix-xjenza, komprensiva u adegwata, li jippermettu lill-bniet u lin-nisa żgħażagħ jagħmlu tranżizzjoni sikura lejn età adulta u li jipprevjenu u jtemmu vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, il-mutilazzjoni ġenitali femminili u prattiki dannużi oħra, inkluż iż-żwieġ prekoċi u sfurzat;

81. Jitlob ukoll lill-UE u lill-Istati Membri jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-SRHR fl-azzjonijiet esterni kollha tagħhom, inkluż f'fora multilaterali u bilaterali, b'attenzjoni speċjali għal gruppi emarġinati jew vulnerabbli, bħal persuni LGBTI, u l-objettiv li tinkiseb kopertura universali tas-saħħa permezz ta' interventi marbuta mal-SRHR u l-HIV;

82. Jinkoraġġixxi li wieħed imur lil hinn mis-sempliċi indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-inugwaljanzi strutturali bejn il-ġeneri billi jiġu garantiti opportunitajiet indaqs u tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tan-nisa;

83. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jinħolqu ambjent soċjali u ekonomiku u kundizzjonijiet li jippermettu lill-ġenituri jkomplu l-iżvilupp professjonali tagħhom;

L-Erbgħa 20 ta' Jannar 2021

84. Jistieden lill-Istati Membri jadottaw approċċ komuni u jikkooperaw ma' istituzzjonijiet internazzjonali biex jiksbu data ġdida, komparabbli u diżaggregata, kif ukoll biex jiżviluppaw politika ffukata u interventi leġiżlattivi biex jiġġieldu kontra l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u jistieden lill-Kummissjoni tinkludi impenji u punti ta' riferiment biex tinqered il-mutilazzjoni ġenitali femminili fin-negozjati u l-ftehimiet ta' kooperazzjoni tagħha mal-pajjiżi kkonċernati;

85. Ifakkar li l-Konvenzjoni ta' Istanbul, bħala l-ewwel trattat vinkolanti b'mod universali li jiġġieled kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet u l-vjolenza domestika, tistabbilixxi l-punt ta' riferiment għal standards internazzjonali li jeħtieġ li jiġu ratifikati u implimentati; itenni li l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni ta' Istanbul ġiet rikonoxxuta bħala prijorità ewlenija tal-istrateġija tal-UE għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri 2020-2025; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri kollha tagħha li għadhom m'għamlux dan biex jirratifikaw u jimplimentaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul mill-aktar fis possibbli; jitlob lill-UE taħdem ma' pajjiżi oħra biex iżżid l-azzjonijiet tagħhom fl-oqsma tal-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u s-servizzi soċjali, il-ġbir tad-data, il-finanzjament u l-ipprogrammar, biex tipprevjeni u tirreaġixxi aħjar għall-vjolenza sesswali u dik abbażi tal-ġeneru madwar id-dinja;

86. Jisħaq li n-nisa u l-bniet migranti u rifuġjati li jeħtieġu l-protezzjoni għandhom jitqiesu bħala detenturi tad-drittijiet;

87. Ifaħħar il-progress li sar fuq l-Inizjattiva Spotlight tal-UE u n-NU; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proġetti sponsorjati mill-inizjattiva jaħdmu biex jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-ksur tad-drittijiet tan-nisa, inkluża t-tkomplija ta' stereotipi dannużi bbażati fuq il-ġeneru;

Id-drittijiet tat-tfal

88. Itenni t-talba tiegħu lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jżidu l-kooperazzjoni u d-djalogu tagħhom ma' pajjiżi mhux tal-UE, bid-drittijiet u l-protezzjoni tat-tfal bħala prijorità, bil-għan li d-drittijiet tat-tfal jiġu rrispettati kullimkien fid-dinja u li l-ebda tifel/tifla ma jitħalla/titħalla jibqa'/tibqa' lura; iħeġġeġ, f'dan ir-rigward, lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jaħdmu ma' pajjiżi sħab u biex iwieġħdu aktar riżorsi finanzjarji, b'mod partikolari fil-qafas tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp, sabiex jilħqu l-isfidi globali rigward is-saħħa u l-edukazzjoni tat-tfal, inkluż id-dritt għal edukazzjoni fl-ewwel lingwa tal-individwu, il-qerda tat-thaddim tat-tfal, il-ġlieda kontra l-vjolenza, l-abbuż sesswali u ż-żwieġ tat-tfal prekoċi u sfurzat, it-traffikar u l-isfruttament, u r-reklutaġġ jew l-użu f'kunflitti armati, li miljuni ta' tfal huma vittmi tagħhom; ifakkar li l-aħjar interessi tat-tfal jinkludu l-protezzjoni, il-kura u s-sikurezza tat-tfal f'ambjent fejn ikunu jistgħu jikbru bl-appoġġ u l-protezzjoni li jeħtieġu, u bil-ħtiġijiet primarji tagħhom koperti; jisħaq li l-edukazzjoni hija strument essenzjali għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-vjolenza kontra t-tfal; jitlob li jittieħdu miżuri li jiffaċilitaw l-aċċess tat-tfal għall-edukazzjoni;

89. Jilqa' l-attenzjoni mogħtija lill-azzjonijiet tal-UE dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal fl-okkażjoni tat-30 anniversarju tal-UNCRC u jtenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tesplora kif bħala korp l-UE tista' taderixxi mal-UNCRC;

Id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità

90. Jilqa' r-ratifiki tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u tal-Protokoll Fakultattiv tagħha li saru fl-2019; jisħaq fuq l-importanza li tingħata kunsiderazzjoni sħiħa lill-bżonnijiet speċifiċi tal-persuni b'diżabilità; jitlob lill-UE tinkorpora l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni ta' persuni b'diżabilità fil-politiki tagħha ta' azzjoni esterna u dwar l-għajnuna għall-iżvilupp, flimkien mal-ġlieda għal aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol u l-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ, filwaqt li tippromwovi soluzzjonijiet li jagħmluha aktar faċli għall-persuni b'diżabilità li joperaw fis-soċjetà; itenni l-importanza ta' implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità kemm mill-Istati Membri tal-UE kif ukoll mill-istituzzjonijiet tagħha, speċjalment fir-rigward tal-obbligi tal-UE dwar l-għajnuna umanitarja u l-kooperazzjoni internazzjonali fil-politiki rilevanti kollha tal-UE; jisħaq fuq l-importanza tan-nondiskriminazzjoni u l-ħtieġa li l-prinċipju tal-aċċessibilità universali jiġi integrat b'mod kredibbli, u li jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet kollha tal-persuni b'diżabilità;

Id-drittijiet tal-persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali

91. Jikkundanna l-istigmatizzazzjoni, id-detenzjoni arbitrarja, it-tortura, il-persekuzzjoni u l-qtil ta' persuni LGBTI u l-inċitament għall-vjolenza kontrihom; jiddispjaċih dwar l-iżviluppi diverġenti dejjem jiżdiedu bejn il-pajjiżi li qed jersqu lejn protezzjoni aħjar tad-drittijiet tal-persuni LGBTI, b'mod partikolari billi l-omosesswalità tiġi dekriminalizzata, u dawk li jimminawhom u jħallu l-qasam ħieles mill-persekuzzjoni, id-diskriminazzjoni u l-istigmatizzazzjoni kontra l-persuni LGBTI; jemmen li l-prattiki u l-atti ta' vjolenza kontra individwi abbażi tal-orjentazzjoni sesswali, l-identità jew l-espressjoni tal-ġeneru jew il-karatteristiċi sesswali reali u perċepiti tagħhom m'għandhomx jitħallew bla kastig, u jridu jinqerdu;

92. Jitlob lill-UE jkollha rwol ewlieni fid-difiża tad-drittijiet tal-bniedem u fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-istigmatizzazzjoni kontra l-persuni LGBTI, l-hekk imsejħa terapija ta' konverżjoni, mutilazzjoni ġenitali u sterilizzazzjoni furzata ta' persuni transġeneri; jitlob, barra minn hekk, lill-UE tuża l-għodod diplomatiċi kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tippromwovi d-dekriminalizzazzjoni tar-relazzjonijiet sesswali bejn sħab konsenswali tal-istess sess, u tkun ta' eżempju fl-indirizzar tal-vjolenza u d-diskriminazzjoni bbażati fuq l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi sesswali, permezz tal-implimentazzjoni effettiva tal-istrateġija l-ġdida dwar l-ugwaljanza LGBTI+, kemm l-UE kif ukoll barra minnha; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri japplikaw bir-reqqa u b'mod konsistenti l-Linji Gwida tal-UE għall-promozzjoni u l-protezzjoni tat-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem kollha minn persuni LGBTI fil-politika esterna tagħha;

93. Jenfasizza li l-pandemija tal-COVID-19 laqtet b'mod qawwi lill-komunitajiet LGBTI, minħabba żieda fil-vjolenza domestika kontra l-persuni LGBTI li kienu mġiegħla joqogħdu kwarantina jew jirritornaw lura lejn familji u djar diskriminatorji, żieda fil-qgħad u l-persuni mingħajr dar, in-nuqqas ta' kapaċità ta' aċċess għal trattament mediku li jsalva l-ħajja, bħas-servizzi tal-HIV u l-kura medika relatata mat-tranżizzjoni, u li wasslet għal żieda fit-tfigħ inġust tal-ħtija; jitlob l-inklużjoni tal-persuni LGBTI fil-programmi ta' għajnuna fir-rigward tal-COVID-19;

Il-popli indiġeni

94. Huwa mħasseb serjament dwar it-tbatija u l-vulnerabilità tal-komunitajiet indiġeni u l-individwi li jirriżultaw, fost affarijiet oħra, mill-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima, il-pandemija tal-COVID-19, it-telf tal-artijiet u l-għajxien tagħhom minħabba attivitajiet korporattivi u ħsarat relatati; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-popli indiġeni jkomplu jiffaċċjaw diskriminazzjoni u persekuzzjoni mifruxa u sistematiċi mad-dinja kollha, inklużi l-ispostamenti furzati, l-arresti arbitrarji u l-qtil tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-art; jirrakkomanda li l-UE u l-Istati Membri tagħha jinkludu referenzi għall-popli indiġeni u d-drittijiet li jinsabu fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni fl-oqfsa rilevanti u emerġenti għad-diliġenza dovuta, u jiżguraw li l-kumpaniji multinazzjonali jinżammu responsabbli f'każ ta' ksur tal-obbligi tagħhom;

95. Itenni t-talba lill-UE, lill-Istati Membri tagħha u lis-sħab tagħhom fil-komunità internazzjonali biex jadottaw il-miżuri kollha meħtieġa għar-rikonoxximent, il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-popli indiġeni, inklużi l-lingwa, l-artijiet, it-territorji u r-riżorsi tagħhom; jilqa' l-ħidma tas-soċjetà ċivili u tal-NGOs fuq dawn il-kwistjonijiet; jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li jinħoloq mekkaniżmu ta' lmentar biex jitressqu lmenti dwar il-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-popli indiġeni li jirriżultaw mill-attivitajiet tan-negozji multinazzjonali; ifakkar fid-deċiżjoni tiegħu li jaħtar rapporteur permanenti dwar il-popli indiġeni fil-Parlament, bl-objettiv li jimmonitorja s-sitwazzjoni tal-popli indiġeni relatata mad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-pajjiżi jirratifikaw id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni Nru 169 tal-ILO tas-27 ta' Ġunju 1989 dwar il-Popli Indiġeni u Tribali;

96. Iħeġġeġ lill-gvernijiet isegwu politiki ta' żvilupp u ambjentali li jirrispettaw id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, u li jkunu jinkludu popli indiġeni u popolazzjonijiet lokali, f'konformità mal-SDGs tan-NU;

Ir-razziżmu, id-diskriminazzjoni, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata

97. Jilqa' l-adozzjoni fl-2019 mill-Kunsill tal-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għan-Nondiskriminazzjoni fl-Azzjoni Esterna; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jużaw l-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħhom biex jiżguraw li dawk responsabbli għall-ksur tad-drittijiet minħabba d-diskriminazzjoni bbażata fuq ir-razza, il-kasta (xogħol u dixxendenza), ir-reliġjon jew l-oriġini etnika jew nazzjonali jinżammu responsabbli;

98. Jinnota bi tħassib kbir l-iskala u l-konsegwenzi tal-ġerarkiji tal-kasti, tad-diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasta u t-tkomplija tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem ibbażat fuq il-kasta, inkluża ċ-ċaħda tal-aċċess għas-sistema ġuridika jew għall-impjieg, is-segregazzjoni kontinwa, il-faqar u l-istigmatizzazzjoni, u l-ostakli relatati mal-kasta għall-eżerċitar tad-drittijiet bażiċi tal-bniedem u l-faċilitazzjoni tal-iżvilupp tal-bniedem; itenni t-talba tiegħu għall-iżvilupp ta' politika tal-UE dwar id-diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasta; itenni t-talba tiegħu lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jintensifikaw l-isforzi u l-inizjattivi ta' appoġġ fin-NU u fid-delegazzjonijiet u l-missjonijiet tal-UE f'pajjiżi terzi biex tiġi eliminata d-diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasta;

99. Ifakkar fl-importanza li jkunu appoġġjati b'mod attiv inizjattivi inklużivi u kontra r-razziżmu, speċjalment minħabba ż-żieda fl-attakki ksenofobiċi u razzisti madwar id-dinja, fil-kuntest taż-żieda fit-talbiet għal ġustizzja soċjali li ispiraw mewġa ta' protesti madwar id-dinja;

L-Erbgħa 20 ta' Jannar 2021

100. Itenni r-rwol kruċjali tal-edukazzjoni biex jingħelbu l-preġudizzji u l-istereotipi, biex jiġu promossi t-tolleranza, il-fehim u d-diversità, u jenfasizza li l-edukazzjoni hija għodda ewlenija biex jintemmu d-diskriminazzjoni u r-razziżmu strutturali fis-soċjetajiet tagħna; jistieden lill-Istati Membri jippromwovu politiki kontra d-diskriminazzjoni fl-oqsma kollha; iqis li l-ġlieda kontra r-razziżmu hija kwistjoni orizzontali u li għandha titqies fl-oqsma kollha tal-politika tal-Unjoni;

101. Jistieden lid-delegazzjonijiet kollha tal-UE u lill-punti fokali rispettivi tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem biex b'mod konsistenti jikkonformaw mal-obbligu tagħhom li jivvalutaw u janalizzaw l-istat tan-nondiskriminazzjoni u jippreżentawh fl-Istrateġiji tal-Pajjiż tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (HRDCS) skont il-kapitolu li jappartjeni għan-Nondiskriminazzjoni u l-Esklużjoni, kif ukoll is-sezzjonijiet rilevanti tiegħu dwar ir-raġunijiet speċifiċi għad-diskriminazzjoni u/jew għal gruppi ddiskriminati; jisħaq li l-aġġornamenti għall-istat tan-nondiskriminazzjoni fir-Rapporti Annwali ta' Implimentazzjoni tar-rapporti tal-HRDCS u tal-Kapijiet tal-Missjonijiet huma vitali għat-tħejjija tad-djalogi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u għall-informazzjoni dwarhom u li l-linji gwida jiddikjaraw ukoll li l-UE trid tinkoraġġixxi u tappoġġja l-parteċipazzjoni attiva tas-soċjetà ċivili fil-fora u l-mekkaniżmi multilaterali fir-rigward tad-diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasta (xogħol u dixxendenza);

Minoranzi nazzjonali, etniċi u lingwistiċi

102. Jiddeplora l-fatt li ħafna pajjiżi, minkejja l-obbligi u l-impenji internazzjonali tagħhom biex jipproteġu l-minoranzi, qed isegwu politika ta' assimilazzjoni furzata tal-minoranzi nazzjonali, etniċi u lingwistiċi billi jinjoraw id-drittijiet fundamentali u tal-bniedem tagħhom;

103. Jitlob lill-gvernijiet tal-pajjiżi sħab tal-UE biex jirrispettaw id-drittijiet fundamentali tal-bniedem tal-minoranzi nazzjonali, etniċi u lingwistiċi, inklużi l-kultura, il-lingwa, ir-reliġjon, it-tradizzjonijiet u l-istorja tagħhom, sabiex jippreservaw il-kulturi u d-diversità; itenni l-ħtieġa li jiġu ssodisfati l-obbligi u l-impenji li ħadu skont it-trattati u l-ftehimiet internazzjonali, bħar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa;

Il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon jew tat-twemmin

104. Huwa xxukkjat bl-għadd ta' każijiet ta' qtil, attakki u atti ta' persekuzzjoni, diskriminazzjoni, fastidju u inċitazzjoni għall-antagoniżmu li seħħew, u l-għadd ta' restrizzjonijiet fuq drittijiet li ġew imposti fl-2019 kontra individwi u gruppi mmirati minħabba r-reliġjon, it-twemmin, l-ateiżmu jew l-anjostiċiżmu tagħhom; jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għall-vittmi ta' vjolenza bbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin u l-impenn tiegħu biex tinqered din il-vjolenza; jenfasizza l-ħtieġa li tingħata attenzjoni speċjali lis-sitwazzjoni tal-gruppi reliġjużi ppersegwitati madwar id-dinja, li jiffaċċjaw diskriminazzjoni, theddid, liġijiet dwar il-blasfemija, liġijiet kontra l-konverżjoni, twaqqigħ tal-postijiet ta' qima tagħhom, vjolenza, tjassir, stupru, għajbien furzat, eżekuzzjonijiet u ġenoċidju; jissottolinja l-ħtieġa li tingħata attenzjoni speċjali inter alia lis-sitwazzjoni tal-Insara persegwitati madwar id-dinja, li jiffurmaw il-maġġoranza vasta tal-gruppi reliġjużi li qed jiffaċċjaw diskriminazzjoni, vjolenza u mewt;

105. Jesprimi aktar tħassib dwar l-użu ħażin u l-istrumentalizzazzjoni tar-reliġjon biex jiġu mminati drittijiet oħra tal-bniedem, inklużi l-SRHR u d-drittijiet tal-persuni LGBTI; jiddeplora l-fatt li xi pajjiżi diġà għandhom, jinfurzaw jew qed ifittxu li jintroduċu liġijiet penali, sabiex jikkastigaw każijiet ta' blasfemija, konverżjoni jew apostasija; jisħaq li l-libertà tar-reliġjon u t-twemmin tinkludi d-drittijiet li wieħed ma jemminx, li wieħed iħaddan opinjonijiet teistiċi, mhux teistiċi, anjostiċi jew atei u d-dritt għall-apostasija;

106. Jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri jimplimentaw il-Linji Gwida tal-UE dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin; itenni t-talbiet tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iwettqu valutazzjoni trasparenti u komprensiva tal-effikaċja u l-valur miżjud tal-pożizzjoni tal-Mibgħut Speċjali qabel it-tnedija tal-proċess tat-tiġdid ta' dan il-mandat u l-pożizzjoni mill-Kummissjoni; jinsisti li wara l-valutazzjoni, il-ħidma tiegħu għandha tingħata riżorsi adegwati biex tissaħħaħ l-effikaċja tal-UE f'dan il-qasam; jesprimi dispjaċir għad-dewmien fit-twettiq ta' din il-valutazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiggarantixxi t-trasparenza fin-nomina, fil-mandat, fl-attivitajiet u fl-obbligi ta' rapportar tal-Mibgħut Speċjali li jmiss u tiżgura l-impenn tagħhom għall-universalità, l-indiviżibilità u l-interdipendenza tad-drittijiet kollha tal-bniedem u għall-valuri Ewropej; ifakkar lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li tappoġġja b'mod adegwat il-mandat, il-kapaċità u d-dmirijiet istituzzjonali tal-Mibgħut Speċjali;

107. Jilqa' l-Iskambju Globali dwar ir-Reliġjon fis-Soċjetà, imniedi mill-VP/RGħ fi Brussell fit-6 ta' Settembru 2019; jirrakkomanda, madankollu, li tingħata attenzjoni indaqs kemm lir-relazzjonijiet intrareliġjużi kif ukoll lil dawk interreliġjużi; jitlob, f'dan ir-rigward, l-iżvilupp ta' appoġġ tal-UE għad-djalogu interreliġjuż fil-livell lokali bil-għan li jiġu miġġielda l-estremiżmu u d-diskors ta' mibegħda; jitlob, madankollu, li l-objettivi tal-promozzjoni u l-protezzjoni tal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon jew tat-twemmin jiġu integrati f'firxa usa' ta' attivitajiet tal-UE relatati mad-drittijiet tal-bniedem;

108. Itenni l-importanza li jagħti lil-libertà akkademika u jħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jżidu l-isforzi diplomatiċi tagħhom permezz ta' involviment bilaterali u multilaterali fir-rigward ta' theddid jew attakki fuq il-libertà akkademika minn atturi statali u mhux statali, b'mod partikolari attakki vjolenti fuq istituzzjonijiet u membri tal-komunità tal-edukazzjoni għolja, kif ukoll politiki jew prattiki diskriminatorji, restrizzjonijiet jew pressjoni żejda fuq ir-riċerka jew l-espressjoni, u prosekuzzjoni jew detenzjoni inġusta; jistieden lis-SEAE u lill-Kummissjoni jirrevedu l-mekkaniżmi eżistenti ta' appoġġ u protezzjoni għad-DDB, sabiex tiġi żviluppata l-kapaċità li tiġi identifikata u pprovduta assistenza, inklużi l-protezzjoni u l-appoġġ ta' emerġenza, f'każijiet li jinvolvu attakki fuq il-libertà akkademika; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura appoġġ kontinwu ta' livell għoli liċ-Ċentru Interuniversitarju Ewropew għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokratizzazzjoni u l-Kampus Globali tad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, bħala inizjattiva ewlenija tal-appoġġ tal-UE għall-edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem mad-dinja kollha;

Il-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-midja u d-dritt għall-informazzjoni

109. Jikkundanna l-qtil, il-ħtif, il-priġunerija, il-fastidju u l-intimidazzjoni ta' bosta ġurnalisti, bloggers u informaturi, u l-attakki kontrihom, kemm fiżikament kif ukoll b'mod ġudizzjarju, u l-kontroll jew l-għeluq tal-internet u l-midja; ifakkar li l-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-midja huma pedamenti essenzjali ta' soċjetà demokratika; jirrikonoxxi l-importanza tad-dritt għall-informazzjoni f'soċjetajiet moderni, inkluż fil-lingwa nattiva għall-komunitajiet etniċi kollha u r-rwol li għandhom il-forom kollha ta' komunikazzjoni fl-iżvilupp ta' kultura ta' pluraliżmu; ifakkar li l-midja għandha tkun f'konformità mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni;

110. Jikkundanna t-tentattivi ta' xi reġimi u awtoritajiet biex jeliminaw jew jirrestrinġu d-drittijiet għal-libertà tal-espressjoni jew għal-libertà tal-midja, li jiġġustifikaw b'mod leġittimu bħala neċessarji għall-finijiet tat-tisħiħ tas-sigurtà jew tas-saħħa pubblika, jew il-ġlieda kontra t-terroriżmu, id-diffamazzjoni, l-insult jew il-blasfemija; jenfasizza l-mewġa l-ġdida ta' ċensura min-naħa ta' xi gvernijiet li qed jużaw il-ġlieda kontra l-aħbarijiet foloz matul il-pandemija tal-COVID-19 bħala kopertura;

111. Jikkundanna l-attakki ta' diżinformazzjoni u ta' propaganda mmirati lejn id-deleġittimizzazzjoni tal-valuri li l-UE tirrappreżenta u li huma mmirati lejn il-minoranzi; jinsab imħasseb ferm dwar it-tkabbir fid-diskors ta' mibegħda u l-inċitamenti għall-vjolenza fil-komunikazzjoni online u offline peress li dan jirrappreżenta theddida diretta għall-istat tad-dritt u l-valuri inkorporati fid-drittijiet tal-bniedem; jinnota li ż-żieda fil-polarizzazzjoni soċjali u politika mkabbra mill-algoritmi tal-midja soċjali li jużaw tekniki ta' seduzzjoni mentali ssaħħaħ ir-radikaliżmu, timpedixxi kompletament il-ħsieb kritiku, tagħmel id-djalogu impossibbli u twitti t-triq għall-estremiżmu;

112. Jirrakkomanda li jiddaħħlu fis-seħħ l-aqwa salvagwardji possibbli kontra t-tixrid ta' diżinformazzjoni u l-propaganda ostili, permezz tal-iżvilupp ta' qafas ġuridiku kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak internazzjonali biex jiġi indirizzat it-theddid ibridu, inklużi l-gwerra ċibernetika u dik tal-informazzjoni; ikompli jappoġġja inizjattivi li jgħinu biex issir distinzjoni bejn l-aħbarijiet foloz jew id-diżinformazzjoni bi propaganda u l-informazzjoni miġbura bħala parti mill-ħidma ġenwina u indipendenti mwettqa mill-ġurnalisti;

113. Jissottolinja l-każijiet ta' konċentrazzjoni tal-midja f'idejn l-individwi, kif ukoll in-nuqqas ta' trasparenza fis-sjieda tal-midja, li jillimitaw il-pluraliżmu li huwa essenzjali għall-aċċess għal informazzjoni mingħajr preġudizzju;

114. Jikkundanna bil-qawwa l-proċedimenti legali mhux iġġustifikati kontra l-ġurnalisti bil-għan li jfallu (kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (kawżi SLAPP)) u li dawn jiġu msikkta, b'mod partikolari f'każijiet ta' korruzzjoni; jissottolinja l-ħtieġa li jitwaqqfu pjattaformi li jipprovdu twissijiet bikrija meta l-ġurnalisti jkunu fil-periklu, kif ukoll pjattaformi li jipprovdu protezzjoni għal xogħolhom, sabiex il-ġurnalisti sħabhom ikunu jistgħu jsegwu l-investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin mingħajr interruzzjoni jew biża' ta' konsegwenzi legali;

115. Ifakkar li kwalunkwe limitu fuq il-libertà tal-espressjoni jew il-libertà tal-midja għandu jkollu għan leġittimu f'konformità mal-obbligi internazzjonali minquxa fl-Artikolu 19 tal-ICCPR;

116. Jitlob lill-UE tagħmel kull sforz biex tħares il-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-midja u dawk li jippruvaw jippromwovuhom; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri biex jikkundannaw il-mezzi kollha ta' intimidazzjoni fiżika jew ġudizzjarja użati kontra l-ġurnalisti fi sforz biex isikktuhom; iħeġġeġ lir-RSUE biex jagħti attenzjoni speċjali lill-protezzjoni tal-libertà, l-indipendenza u l-pluraliżmu tal-midja mad-dinja kollha; jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva u sistematika tal-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-Libertà tal-Espressjoni Online u Offline, u li jsir monitoraġġ regolari tal-impatt tagħhom;

L-Erbgħa 20 ta' Jannar 2021

117. Jenfasizza l-bidla kontinwa fix-xenarji tal-midja u l-użu dejjem jikber tan-networks soċjali mad-dinja kollha; jissottolinja l-isfidi u r-riskji li din l-evoluzzjoni toħloq, fost l-oħrajn, fir-rigward tal-ksur tal-libertà tal-espressjoni offline u online, iċ-ċensura, il-protezzjoni tad-data, id-diskors ta' mibegħda, il-fastidju u s-sikurezza tal-ġurnalisti u l-informaturi; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-politiki u l-prattiki tal-kumpaniji tal-midja soċjali, b'mod partikolari l-għodod awtoregolatorji tagħhom, li għandhom implikazzjonijiet għall-eżerċizzju tal-libertà tal-espressjoni mad-dinja kollha, u tippreżenta proposti għal tibdil fil-politika jew fil-leġiżlazzjoni fejn xieraq;

Il-piena tal-mewt, it-tortura u forom oħra ta' trattament ħażin

118. Jikkundanna l-użu tat-tortura, tat-trattament inuman jew degradanti u tal-piena tal-mewt, li għadhom iseħħu f'bosta pajjiżi madwar id-dinja kollha; jistieden lill-pajjiżi li għadhom m'għamlux dan biex jistabbilixxu moratorju immedjat fuq il-piena tal-mewt bħala l-ewwel pass lejn l-abolizzjoni tagħha; jilqa' l-iżvilupp pożittiv fl-2019 tad-dgħufija tal-appoġġ politiku għaż-żamma tal-piena tal-mewt f'xi pajjiżi li ma abolixxewx din il-piena; jiddeplora, madankollu, id-deċiżjonijiet ta' xi awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali li wasslu għal żieda fl-eżekuzzjonijiet meta mqabbla mas-snin preċedenti; jistieden lill-UE tkompli tikkundanna b'mod sistematiku l-użu tal-piena tal-mewt u timplimenta kampanji ta' komunikazzjoni kontra l-piena tal-mewt mad-dinja kollha; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiddefendu l-abolizzjoni fil-fora internazzjonali kollha u jippromwovu l-akbar appoġġ possibbli għal din il-pożizzjoni;

119. Jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jipprojbixxi t-tortura kullimkien fid-dinja, jappoġġja l-vittmi u jżomm responsabbli lil dawk li jittorturaw; jilqa' l-aġġornament tal-Linji Gwida tal-UE għall-Politika tal-UE Lejn Pajjiżi Terzi dwar it-Tortura u t-Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra; iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha u lill-pajjiżi l-oħra li għadhom m'għamlux dan biex jirratifikaw il-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra u l-Protokoll fakultattiv tagħha (OPCAT), li l-35 anniversarju tagħha ġie ċċelebrat fl-2019; jirrikonoxxi l-importanza tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-DDB fil-ġlieda kontra t-tortura u forom oħra ta' trattament ħażin;

Il-ġlieda kontra l-iskjavitù modern u t-traffikar tal-bnedmin

120. Jitlob li jkun hemm reazzjoni internazzjonali aktar b'saħħitha biex jinqerdu l-iskjavitù modern u t-traffikar tal-bnedmin u n-networks tagħhom, bit-twaqqif ta' obbligi ġodda ta' diliġenza dovuta għan-negozji biex jidentifikaw, jivvalutaw, iwaqqfu, jipprevjenu u jimmitigaw dawn is-sitwazzjonijiet u jikkooperaw ma' awtoritajiet biex itejbu politiki penali kontra t-traffikanti u dawk li jisfruttaw jew jibbenefikaw mill-iskjavitù modern; ifakkar li dawn il-kundizzjonijiet tax-xogħol inaċċettabbli jimminaw id-dinjità tal-bniedem u d-drittijiet bażiċi tal-bniedem; jistieden lill-Istati li għadhom m'għamlux dan biex jirratifikaw il-konvenzjonijiet tal-ILO rilevanti għall-ġlieda kontra dawn il-pjagi u t-tħaddim tat-tfal;

Drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali

121. Jitlob lill-UE ssaħħaħ l-isforzi tagħha għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali permezz tal-politika barranija u l-azzjoni esterna tal-UE, b'mod partikolari billi tagħmel użu effettiv tal-klawżoli dwar id-drittijiet tal-bniedem ta' ftehimiet internazzjonali, inklużi dispożizzjonijiet dwar ix-xogħol, u billi tinvesti fil-kultura u l-edukazzjoni bħala vetturi għal bidla fit-tul; jilqa' l-adozzjoni tal-Konvenzjoni tal-ILO dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, li fiha standards internazzjonali tax-xogħol ġodda u vinkolanti li huma essenzjali biex dawn il-pjagi ma jibqgħux jeżistu fil-qasam tax-xogħol u biex jiġu protetti l-vittmi; jenfasizza l-ħtieġa ta' protezzjoni speċifika għall-ommijiet fuq il-post tax-xogħol, matul u wara t-tqala tagħhom, inkluż fir-rigward tas-saħħa tal-ommijiet, il-liv u l-benefiċċji tal-maternità, il-ħarsien tal-impjieg u n-nondiskriminazzjoni, u t-treddigħ;

122. Jikkundanna l-fatt li l-ksur tad-drittijiet tal-ħaddiema u tat-trade unions qed ikompli jseħħ mad-dinja kollha u li l-libertà tal-assoċjazzjoni, id-dritt għan-negozjar kollettiv, id-dritt għall-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni u għat-teħid ta' azzjonijiet kollettivi, kif ukoll id-dritt għal remunerazzjoni ġusta, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, huma fil-qalba ta' dan il-ksur;

123. Ifakkar li l-aċċess għall-kultura u l-edukazzjoni huma drittijiet fundamentali; jinnota l-importanza tad-diplomazija kulturali għall-promozzjoni tal-valuri tal-paċi u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem; jitlob lill-UE tintegra l-kultura, l-edukazzjoni u d-drittijiet relatati rilevanti fil-politika tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem fit-trattattivi esterni tagħha;

In-negozju u d-drittijiet tal-bniedem

124. Jilqa' t-tentattivi li saru minn għadd ta' kumpaniji Ewropej biex jimplimentaw il-politiki ta' responsabilità korporattiva tagħhom, biex jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u jimplimentaw il-politiki u l-leġiżlazzjoni varji li ġew stabbiliti biex jinkoraġġixxu jew jirrikjedu diliġenza dovuta f'diversi Stati Membri; jistieden lill-kumpaniji bbażati fl-UE biex jerfgħu r-responsabilità korporattiva tagħhom billi jimxu lejn l-osservanza tar-regoli u l-istandards etiċi mħaddna fis-suq uniku tal-UE;

125. Jitlob li jiġi stabbilit strument obbligatorju tal-UE ta' diliġenza dovuta ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem li jirrikjedi li l-kumpaniji jimpenjaw ruħhom b'mod attiv fl-identifikazzjoni, il-valutazzjoni, il-mitigazzjoni, il-prevenzjoni u n-notifika ta' kwalunkwe impatt negattiv tan-negozji u l-ktajjen ta' provvista tagħhom fuq id-drittijiet tal-bniedem, applikabbli għall-korpi korporattivi, il-mexxejja u l-eżekuttivi tan-negozju f'każ ta' ksur u li l-vittmi jingħataw aċċess għal ġustizzja u rimedju; jilqa' t-tħabbira li l-proposta tal-Kummissjoni se tinkludi reġim ta' responsabilità; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra li tesplora l-possibilità li jiġu inkorporati aktar responsabilitajiet, inkluża r-responsabilità kriminali, għall-aktar ksur serju;

126. Jirrakkomanda li obbligu legali ta' diliġenza jiġi inkluż bħala element speċifiku ta' dan l-istrument sabiex jiġi evitat l-użu tal-iskjavitù modern u t-tħaddim tat-tfal min-negozji fil-ktajjen ta' provvista tagħhom barra mill-pajjiż; jirrakkomanda li rekwiżit ta' trasparenza jkun parti mill-istrument ta' diliġenza dovuta sabiex tiġi ffaċilitata l-kapaċità tal-vittmi li jkollhom aċċess għal rimedju għall-ilmenti; jitlob li jkun hemm mekkaniżmi effettivi biex jipproteġu lil dawk li jressqu lmenti minn ritaljazzjoni, inkluża leġiżlazzjoni li tiskoraġġixxi l-kawżi SLAPP; ifakkar fl-għadd kbir ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem li jistgħu jseħħu fir-rigward tal-isfruttar tar-riżorsi naturali;

127. Jisħaq fuq l-importanza li l-pajjiżi kollha jimplimentaw bis-sħiħ il-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, u jistieden lill-Istati Membri tal-UE li għadhom m'adottawx il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali dwar id-drittijiet tan-negozju biex jagħmlu dan mill-aktar fis possibbli; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jipparteċipaw b'mod kostruttiv fil-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma Intergovernattiv dwar il-Korporazzjonijiet Transnazzjonali u Intraprizi Kummerċjali Oħrajn tan-NU fir-rigward tad-Drittijiet tal-Bniedem;

128. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi stabbilit strument internazzjonali vinkolanti sabiex, fid-dritt internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, jirregola l-attivitajiet tal-korporazzjonijiet multinazzjonali u transnazzjonali u ta' kumpaniji oħrajn;

It-teknoloġiji ġodda u d-drittijiet tal-bniedem

129. Jinsab imħasseb dwar l-użu ta' varjetà ta' għodod ibbażati fuq id-data u għodod ġodda mmexxija mit-teknoloġija bħala reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19; jissottolinja r-riskji, ħafna drabi diffiċili li jiġu perċepiti, li dawn joħolqu f'termini ta' tgawdija tal-libertajiet fundamentali, l-abbuż tal-poter u aktar vulnerabilità għaċ-ċiberattakki meta ma jkunux stabbiliti salvagwardji tekniċi u legali effettivi; jesprimi tħassib dwar l-użu kontinwu tat-teknoloġija għall-monitoraġġ u l-limitazzjoni tal-libertà tal-espressjoni u bħala għodda ta' fastidju; jitlob lill-UE, bħala mexxej fl-iffissar ta' standards globali dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data, biex tistabbilixxi normi u l-aħjar prattiki ġodda kemm għall-użu intra-UE kif ukoll bħala soluzzjonijiet li għandhom jiġu imitati mad-dinja kollha, sabiex jiġu evitati effetti potenzjalment dannużi ta' għodod ġodda bbażati fuq id-data;

130. Filwaqt li jfakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Frar 2014 dwar l-użu tad-drones armati ([8]), jesprimi t-tħassib kontinwu tiegħu dwar l-użu tad-drones armati barra l-qafas legali internazzjonali; jappella għal darb'oħra lill-UE biex tiżviluppa b'mod urġenti qafas ġuridikament vinkolanti għall-użu ta' drones armati sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri, f'konformità mal-obbligi ġuridiċi tagħhom, ma jwettqux qtil immirat illegali jew jiffaċilitaw tali qtil minn Stati terzi; jitlob ukoll lill-Kummissjoni żżomm lill-Parlament informat sew dwar l-użu tal-fondi tal-UE għall-proġetti kollha ta' riċerka u żvilupp assoċjati mal-kostruzzjoni tad-drones; jitlob li jsiru valutazzjonijiet tal-impatt tad-drittijiet tal-bniedem rigward proġetti ulterjuri ta' żvilupp ta' drones; ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2018 dwar sistemi ta' armi awtonomi ([9]); iħeġġeġ lill-VP/RGħ u lill-Istati Membri jipprojbixxu l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-użu ta' armi kompletament awtonomi li m'għandhomx kontroll sinifikattiv mill-bniedem fuq il-funzjonijiet kritiċi tal-għażla u l-attakk tal-miri; jinsisti li jinbdew negozjati internazzjonali dwar strument legalment vinkolanti li jipprojbixxi armi awtonomi letali mingħajr kontroll sinifikattiv mill-bniedem; iħeġġeġ lill-VP/RGħ u lill-Istati Membri jadottaw pożizzjoni komuni għan-negozjati internazzjonali f'dan ir-rigward;

([8]) ĠU C 285, 29.8.2017, p. 110.
([9]) ĠU C 433, 23.12.2019, p. 86.

L-Erbgħa 20 ta' Jannar 2021

Il-migranti u r-rifuġjati

131. Iħeġġeġ lill-gvernijiet biex jinvolvu ruħhom f'reazzjonijiet ibbażati fuq ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità u s-soluzzjonijiet biex tiġi indirizzata l-vulnerabilità tal-migranti u tar-rifuġjati u l-ħtieġa tagħhom għall-protezzjoni, f'konformità mal-prinċipji tas-solidarjetà u s-sħubija, u biex jipprovdu ċarezza fir-rigward ta' perkorsi legali adegwati u aċċessibbli għall-migrazzjoni; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni li jwasslu lill-individwi u lill-familji biex jitilqu minn pajjiżhom minħabba li ma jistgħux jgħixu f'ambjent dinjituż u sigur;

132. Itenni l-ħtieġa li jiġu miġġielda l-organizzazzjonijiet kriminali u l-individwi involuti fit-traffikar tal-bnedmin; jesprimi dispjaċir għas-sitwazzjoni skoraġġanti li jiffaċċjaw ir-rifuġjati fil-kampijiet tar-rifuġjati, in-nuqqas ta' prospetti tagħhom, iż-żmien twil ta' stennija għall-applikazzjonijiet għall-asil li jridu jiġu pproċessati u l-problema ta' aċċess għal kura medika bażika u, fil-każ tat-tfal, għall-edukazzjoni; iħeġġeġ li jinstabu alternattivi mhux ta' kustodja għad-detenzjoni għall-migranti u r-rifuġjati, u jirrifjuta f'dan il-kuntest, kwalunkwe trattament inuman jew degradanti tal-migranti; jissottolinja l-importanza li jiġu rrispettati d-drittijiet tal-bniedem meta jsir skrinjar obbligatorju tas-saħħa, u jenfasizza li dawk kollha li jfittxu l-asil u l-migranti jridu jkunu garantiti aċċess għal servizzi essenzjali, inkluża kura tas-saħħa komprensiva; jisħaq fuq l-importanza li d-dritt għall-asil jiġi rrispettat mad-dinja kollha;

133. Jistieden lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-UE jittrattaw b'rieda tajba u diliġenza u f'konformità mal-prinċipji tal-istat tad-dritt lill-persuni li jitolbu status ta' rifuġjat, u biex jappoġġjaw ir-riunifikazzjoni tal-familja bil-ħsieb li jintemmu s-sitwazzjonijiet fejn ir-rifuġjati jiġu separati mill-qraba tagħhom, b'mod partikolari t-tfal;

Appoġġ għad-demokrazija

134. Jistieden lill-UE żżid l-appoġġ tagħha għall-attiviżmu ċiviku demokratiku, li ilu jikber mill-2019 fil-kuntest taż-żieda tal-populiżmu, in-nazzjonaliżmu u r-reġimi awtoritarji; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill isaħħu l-programmi ta' appoġġ għad-demokrazija tal-Unjoni globalment, billi jrawmu proċessi prodemokratiċi minn isfel għal fuq, u billi jibnu reżiljenza istituzzjonali; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-attivitajiet ta' appoġġ għad-demokrazija implimentati mill-Parlament, inklużi l-monitoraġġ tal-elezzjonijiet, il-programmi ta' medjazzjoni u taħriġ u mentoraġġ, li jeħtieġ li jiġu adattati għas-sitwazzjoni li qed tevolvi tal-pajjiżi sħab, filwaqt li jitqies l-isfond kulturali u nazzjonali tal-pajjiżi terzi involuti, sabiex jissaħħu d-djalogu u s-sħubija magħhom; japprova s-sejħa fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Ottubru 2019 dwar id-demokrazija u fil-pjan ta' azzjoni tal-UE tal-2020-2024 dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija biex jiġi promoss approċċ aktar flessibbli, innovattiv, fit-tul u sensittiv għall-kunflitti għall-appoġġ tad-demokrazija; jilqa' u, f'dan il-kuntest, jinkoraġġixxi u jappoġġja l-ħidma ta' organizzazzjonijiet indipendenti li joperaw abbażi tal-valuri ewlenin tal-Unjoni Ewropea u li jrawmu t-tranżizzjoni demokratika fid-dinja;

135. Jimpenja ruħu li jippromwovi trasparenza akbar tal-proċessi demokratiċi, b'mod partikolari tal-finanzjament minn atturi differenti mhux statali ta' kampanji politiċi u kampanji bbażati fuq kwistjonijiet;

o

o o

136. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-President tal-75 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, lill-President tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, lill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem u lill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-UE.